KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SAUGMANDSGAARD ØE
ippreżentati fil-11 ta' Lulju 2019[1]

**Kawżi magħquda C-370/17 u C-37/18**

**Caisse de retraite du personnel navigant professionnel de l'aéronautique civile (CRPNPAC)**
**vs**
**Vueling Airlines SA**
(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-tribunal de grande instance de Bobigny (il-Qorti Reġjonali ta' Bobigny, Franza))
**u**
**Vueling Airlines SA**
**vs**
**Jean-Luc Poignant**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation, chambre sociale (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Awla Industrijali, Franza))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ħaddiema migranti – Sigurtà soċjali – Leġiżlazzjoni applikabbli – Regolament (KEE) Nru 1408/71 – Kollokament ta' ħaddiema – Artikolu 14(1)(a) – Nuqqas ta' applikabbiltà għall-ekwipaġġ tal-ajru tal-kumpanniji tal-ajru li jaħdmu fit-trasport internazzjonali ta' passiġġieri – Artikolu 14(2)(a)(i) – Ħaddiema impjegati minn fergħa jew rappreżentanza permanenti proprjetà tal-kumpannija tal-ajru fit-territorju ta' Stat Membru barra minn dak li fih għandha s-sede tagħha – Ċertifikat E 101 – Effett vinkolanti – Ċertifikat miksub jew invokat b'mod frawdolenti – Azzjoni għal responsabbiltà ċivili kontra l-persuna li timpjega awtriċi tal-frodi – Ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Istat Membru ospitanti biex tikkonstata l-frodi u tinjora ċ-ċertifikat – Awtorità ta' *res judicata* ta' qorti kriminali fuq il-qorti ċivili – Projbizzjoni għall-qorti ċivili li tinjora deċiżjoni kriminali li tirrigwarda l-istess fatti, anki jekk dik id-deċiżjoni tmur kontra d-dritt tal-Unjoni – Inkompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni"

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

## I. Introduzzjoni

1. Iċ-ċertifikat E 101[2] huwa dokument mogħti mill-istituzzjoni kompetenti ta' Stat Membru, skont dispożizzjoni speċifika tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 dwar l-applikazzjoni ta' skemi ta' sigurtà soċjali għall-persuni impjegati, persuni li jaħdmu għal rashom u għall-membri tal-familji tagħhom li jiċċaqalqu minn post għal ieħor ġewwa l-Komunità[3], u skont ir-Regolament (KEE) Nru 574/72 li jistipula l-proċedura għall-implimentazzjoni tal-imsemmi regolament[4]. Dan iċ-ċertifikat jattesta l-affiljazzjoni ta' ħaddiem li jiċċaqlaq fi ħdan l-Unjoni Ewropea mal-iskema ta' sigurtà soċjali ta' dan l-Istat Membru.

2. Skont ġurisprudenza stabbilita sew tal-Qorti tal-Ġustizzja, tali ċertifikat, sakemm ma jkunx ġie rtirat jew iddikjarat invalidu mill-istituzzjoni emittenti, huwa vinkolanti fl-ordinament ġuridiku intern tal-Istat Membru li fih il-ħaddiem ikkonċernat imur biex jeżerċita l-attività tiegħu u, għaldaqstant, jorbot lill-istituzzjonijiet ta' dak l-Istat. Dawn ma jistgħux b'mod partikolari jsieħbu lill-ħaddiem ikkonċernat mal-iskema ta' sigurtà soċjali tagħhom. Qorti tal-istess Stat lanqas ma hija awtorizzata tivverifika l-validità ta' ċertifikat E 101 fir-rigward tal-elementi li abbażi tagħhom huwa jkun inħareġ. L-eventwali dubji fir-rigward tal-validità jew l-eżattezza ta' tali ċertifikat għandhom ikunu solvuti permezz ta' proċedura ta' djalogu bejn l-istituzzjonijiet tal-Istati Membri kkonċernati li l-fażijiet tagħha ġew stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi tagħha u mbagħad ikkodifikati mil-leġiżlatur tal-Unjoni.

3. Din il-ġurisprudenza kienet is-suġġett ta' ħafna kitbiet. Għal ċerti nies, hija toffri sfortunatament protezzjoni lill-impriżi li jkunu jridu jevadu r-regoli ta' sigurtà soċjali applikabbli, megħjuna mill-istituzzjonijiet li joħorġu ċ-ċertifikat E 101 b'mod faċli wisq. Għal ċerti oħrajn, hija l-aħħar espressjoni ta' kooperazzjoni neċessarja bejn Stati Membri fl-applikazzjoni tar-regoli ta' koordinazzjoni.

4. Fi Franza, il-kawża prinċipali kebbset il-firda bejn dawn iż-żewġ viżjonijiet. Fl-2012, il-kumpannija Vueling Airlines SA (iktar 'il quddiem "Vueling") ġiet ikkundannata taħt il-liġi kriminali talli impjegat, fl-ajruport ta' Paris-Charles-de-Gaulle fi Roissy (Franza), ekwipaġġ tal-ajru mingħajr ma ħadet ħsieb li dan jissieħeb mas-sigurtà soċjali Franċiża. Dan il-persunal kien ġie msieħeb mal-iskema ta' sigurtà soċjali Spanjola u mpoġġi taħt l-iskema ta' kollokament tal-ħaddiema. Vueling kienet kisbet mingħand l-istituzzjonijiet kompetenti Spanjoli ċertifikati E 101 li jattestaw dan l-istat ta' fatt, li l-qorti kriminali Franċiża, madankollu, ċaħdet.

5. Ir-rinviji preliminari preżenti saru wara dik il-kundanna. It-talbiet għal deċiżjoni preliminari tressqu mit-tribunal de grande instance de Bobigny (il-Qorti Reġjonali ta' Bobigny, Franza) u mill-Cour de cassation, chambre sociale (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Awla Industrijali, Franza), u jikkonċernaw talbiet għal kumpens li jirrigwardaw l-istess fatti bejn, minn naħa, il-caisse de retraite du personnel navigant

2 Iċ-ċertifikat E 101, intitolat "Attestazzjoni li tikkonċerna l-leġiżlazzjoni applikabbli", huwa formola standard miktuba mill-commission administrative pour la sécurité sociale des travailleurs migrants (il-Kummissjoni Amministrattiva għas-Sigurtà Soċjali tal-Ħaddiema Immigranti, iktar 'il quddiem il-"Kummissjoni Amministrattiva"). Ara d-Deċiżjoni Nru 202 tal-Kummissjoni Amministrattiva tas-17 ta' Marzu 2005 fuq il-mudelli ta' formoli neċessarji għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 u (KEE) Nru 574/72 (E 001, E 101, E 102, E 103, E 104, E 106, E 107, E 108, E 109, E 112, E 115, E 116, E 117, E 118, E 120, E 121, E 123, E 124, E 125, E 126 u E 127) (ĠU 2006, L 77, p. 1). Sussegwentement, iċ-ċertifikat sar dokument portabbli. Fid-dawl tad-data tal-fatti inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ser nuża f'dawn il-konklużjonijiet l-isem ċertifikat E 101.

3 Regolament tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 1971 fil-verżjoni emendata u aġġornata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 118/97 tat-2 ta' Diċembru 1996 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 3), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1992/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 (ĠU 2006, L 392, p. 1) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 1408/71").

4 Regolament tal-Kunsill (KEE) tal-21 ta' Marzu 1972 li jistipula l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament Nru 1408/71, fil-verżjoni emendata u aġġornata bir-Regolament Nru 118/97, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 647/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' April 2005 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 574/72").

professionnel de l'aéronautique civile (CRPNPAC) u, min-naħa l-oħra, Jean-Luc Poignant kontra Vueling fir-rigward tad-dannu li dawk tal-ewwel jallegaw li sofrew minħabba dan in-nuqqas ta' affiljazzjoni fi Franza. Il-kwistjoni tal-effett vinkolanti taċ-ċertifikati E 101 miksuba minn din il-kumpannija hija deċiżiva għall-eżitu ta' dawn it-talbiet

6. Tlieta mid-domandi mressqa mill-qrati tar-rinviju jistaqsu għalhekk lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tippreċiża jekk il-ġurisprudenza tagħha dwar l-effett vinkolanti taċ-ċertifikat E 101 tapplikax ukoll meta l-qorti tal-Istat Membru ospitanti tikkonstata li dan iċ-ċertifikat inkiseb jew ġie invokat b'mod frawdolenti. Dawn id-domandi jippermettu lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tippreċiża l-portata eżatta tas-sentenza tagħha Altun *et*[5], li fiha hija kienet ammettiet, fil-prinċipju, li din il-qorti ma hijiex marbuta b'ċertifikat E 101 f'każ ta' frodi. L-imsemmija domandi ser jimplikaw ukoll li jiġi ttrattat il-kunċett ta' "frodi" fis-sens tad-dritt tal-Unjoni u, f'dan il-kuntest, li jiġu interpretati b'mod bla preċedent ir-regoli previsti mir-Regolament 1408/71 għall-ekwipaġġ tal-ajru tal-kumpanniji tal-ajru li jwettqu trasport internazzjonali.

7. F'dawn il-konklużjonijiet, ser nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi li l-qorti tal-Istat Membru ospitanti għandha l-kompetenza li tinjora ċertifikat E 101 meta jkollha provi li jistabbilixxu li dan iċ-ċertifikat inkiseb jew intalab b'mod frawdolenti, indipendentement mill-iżvolġiment tad-djalogu bejn l-istituzzjonijiet kompetenti. Fil-fehma tiegħi, fuq din is-soluzzjoni tiddependi l-effikaċità tal-ġlieda kontra d-"dumping soċjali"[6] u l-fiduċja li l-Qorti tal-Ġustizzja normalment tagħti lill-qorti nazzjonali, bħala qorti tal-Unjoni, biex tirrispetta d-dritt tal-Unjoni.

8. L-aħħar domanda li saret tikkonċerna r-relazzjoni bejn il-prinċipju tas-supremazija tad-dritt tal-Unjoni u l-prinċipju tad-dritt Franċiż tal-awtorità ta' *res judicata* fil-kriminal u l-effett tagħha fuq ir-responsabbiltà ċivili. Skont dan il-prinċipju tal-aħħar, il-qrati tar-rinviju jkunu obbligati jikkundannaw lil Vueling fil-kamp ċivili minħabba s-sempliċi fatt tal-kundanna kriminali preċedenti tagħha, anki fil-każ li dik il-kundanna sseħħ bi ksur tad-dritt tal-Unjoni. Meħud kont tar-risposta li nissuġġerixxi li tingħata għad-domandi preliminari l-oħra, l-argumenti tiegħi fuq il-materja ser ikunu essenzjalment sussidjarji. Madankollu, jien ser nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi l-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju meta jiġi stabbilit li din il-kundanna kriminali hija inkompatibbli ma' dan id-dritt.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

9. L-Artikolu 13(2)(a) tar-Regolament Nru 1408/71 jipprovdi li, bla ħsara għall-Artikoli 14 sa 17 ta' dan ir-regolament, "persuna impjegata fit-territorju ta' Stat Membru wieħed tkun suġġetta għal-leġislazzjoni ta' dak l-Istat anke jekk ikun jabita fit-territorju ta' Stat Membru ieħor jew jekk l-uffiċċju reġistrat inkella post tan-negozju ta' l-impriża jew ta' l-individwu li jimpjegah huwa stabbilit fit-territorju ta' Stat Membru ieħor".

5 Sentenza tas-6 ta' Frar 2018, Altun *et* (C-359/16, iktar 'il quddiem is-"sentenza Altun", EU:C:2018:63).

6 Skont id-definizzjoni pprovduta mir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-14 ta' Settembru 2016, dwar id-dumping soċjali fl-Unjoni Ewropea (A8-0255/2016), il-kunċett ta' "dumping soċjali" "ikopri firxa wiesgħa ta' prattiki abbużivi b'mod intenzjonali u l-evitar tal-leġiżlazzjoni Ewropea u nazzjonali eżistenti (inklużi liġijiet u ftehimiet kollettivi applikabbli universalment), li jippermetti l-iżvilupp ta' kompetizzjoni inġusta billi b'mod illegali jnaqqas l-ispejjeż tax-xogħol u dawk operazzjonali u jwassal għal ksur tad-drittijiet tal-ħaddiema u l-isfruttament tal-ħaddiema".

10. L-Artikolu 14 tal-imsemmi regolament, intitolat "Regoli speċjali applikabbli għall-persuni, minbarra l-baħrin, ingaġġati fi mpieg imħallas", kien jipprovdi:

"L-Artikolu 13(2)(a) japplika suġġett għall-eċċezzjonijiet u ċ-ċirkustanzi li ġejjin:

1) (a) Persuna impjegata fit-territorju ta' Stat Membru minn impriża li magħha normalment ikollu x'jaqsam li tkun ippostjata [ikkollokata] minn dik l-impriża fit-territorju ta' Stat ieħor biex twettaq xogħol hemm minn dik l-impriża tkompli tkun suġġetta għal-leġislazzjoni ta' l-ewwel Stat Membru, basta li t-tul antiċipat ta' dak ix-xogħol ma jkunx jaqbeż tnax-il xahar u li ma tkunx intbagħtet hemm biex tieħu post persuna oħra li tkun temmet iż-żmien tal-postazzjoni tagħha.

(b) Jekk it-tul tax-xogħol li jkollu jsir jaqbeż iż-żmien oriġinarjament antiċipat, minħabba ċirkustanzi imprevedibbli, u jaqbeż tnax-il xahar, il-leġislazzjoni ta' l-ewwel Stat Membru tkompli tapplika sakemm jintemm it-tali xogħol, basta l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li fit-territorju tagħha tkun intbagħtet il-persuna kkonċernata jew il-korp maħtur minn dik l-awtorità jagħtu l-kunsens tagħhom; it-tali kunsens irid ikun mitlub qabel it-tmiem tal-perjodu tat-tnax-il xahar inizjali. It-tali kunsens, madanakollu, ma jistax jingħata għall-perjodu li jaqbeż it-tnax-il xahar.

2) Persuna normalment impjegata fit-territorju ta' żewġ Stati Membri jew iktar tkun suġġetta għal-leġislazzjoni li tkun determinata kif ġej:

(a) Persuna li tifforma parti minn 'personnel' vjaġġanti jew tat-titjir ta' impriża li, b'kera jew b'għoti jew inkella minn jedda, topera servizzi ta' trasport internazzjonali għall-passiġġieri jew għall-merċa bit-tren, fuq it-triq, bl-ajru jew fuq il-kanali u li għandha l-uffiċċju tagħha reġistrat jew post tan-negozju fit-territorju ta' Stat Membru tkun suġġetta għal-leġislazzjoni ta' l-Istat ta' l-aħħar, bir-restrizzjonijiet li ġejjin:

(i) fejn l-imsemmija impriża jkollha fergħa jew rappreżentazzjoni [rappreżentanza] permanenti fit-territorju ta' Stat Membru għajr dak li fih għandha l-uffiċċju reġistrat jew il-post tan-negozju, persuna impjegata minn tali fergħa jew rappreżentazzjoni permanenti tkun suġġetta għal-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu rinsab it-tali fergħa jew rappreżentazzjoni permanenti;

(ii) fejn persuna hija impjegata prinċipalment fit-territorju ta' l-Istat Membru li fih tabita, hija tkun suġġetta għal-leġislazzjoni ta' dak l-Istat, anke jekk l-impriża li timpjegah m'għandha ebda uffiċċju reġistrat jew post tan-negozju jew fergħa jew rappreżentazzjoni permanenti fit-territorju;

[…]".

11. L-Artikolu 84a tar-Regolament Nru 1408/71, intitolat "Ir-relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet u l-persuni koperti minn dan ir-Regolament", imdaħħal f'dan ir-regolament permezz tar-Regolament (KE) Nru 631/2004 li jemenda r-Regolamenti Nri 1408/71 u 574/72, dwar l-allinjament tad-drittijiet u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri[7], jipprovdi, fil-paragrafu 3 tiegħu:

"Fil-każ ta' diffikultajiet fl-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament li jistgħu jipperikolaw id-drittijiet ta' persuna koperta minnu, l-istituzzjoni ta' l-Istat kompetenti jew ta' l-Istat ta' residenza tal-persuna involuta għandha tikkuntattja l-istituzzjoni jew l-istituzzjonijiet ta' l-Istat jew Stati Membri konċernati. Jekk ma tkunx tista' tinstab soluzzjoni f'perijodu raġonevoli, l-awtoritajiet konċernati jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni biex tintervjeni".

12. L-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 574/72, intitolat "Formalitajiet fil-każ ta' ppostjar [kollokament] f'post ieħor ta' persuna impjegata insegwitu ta' l-Artikoli 14(1) u 14b(1) tar-Regolament [Nru 1408/71] u fil-każ tal-ftehim konklużi taħt l-Artikolu 17 ta[' dan i]r-Regolament" jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-istituzzjoni nnominata mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li l-leġislazzjoni tiegħu trid tibqa' applikabbli joħroġ ċertifikat li jgħid li persuna impjegata tibqa' suġġetta għal dik il-leġislazzjoni sa data speċifika:

(a) fuq it-talba ta' persuna impjegata jew ta' min jimpjegaha fil-każijiet li hemm riferenza għalihom fl-Artikoli 14(1) u 14b(1) tar-Regolament [Nru 1408/71];

[…]".

13. L-Artikolu 12a tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 574/72, intitolat "Regoli applikabbli fir-rigward ta' persuni msemmija fl-Artikolu 14(2) u (3), l-Artikolu 14a(2) sa (4) u l-Artikolu 14ċ tar-Regolament [Nru 1408/71] li normalment iwettqu attività ta' impjegati jew impjegati għal-rashom fit-territorju ta' żewġ Stati Membri jew aktar", jipprovdi:

"Għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 14(2) u (3), l-Artikolu 14a(2) sa (4) u l-Artikolu 14ċ tar-Regolament [Nru 1408/71], għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

[…]

1a. Meta, skond l-Artikolu 14(2)(a) tar-Regolament [Nru 1408/71], persuna li tkun fost il-persunal li jivvjaġġa, inkluż bl-ajru, ta' impriża tat-trasport internazzjonali tkun suġġetta għal-liġi ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jinsab l-uffiċċju reġistrat jew il-post tan-negozju ta' l-impriża jew il-fergħa jew l-istabbiliment permanenti li jimpjegaha, jew fejn hija tirrisjedi u hi prevalentement impjegata, l-istituzzjoni indikata mill-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru għandha toħroġ lill-persuna kkonċernata ċertifikat li jgħid li hi suġġetta għal-liġi tiegħu.

[…]".

14. Ir-Regolament Nru 1408/71 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 574/72 ġew imħassra u ssostitwiti, b'effett mill-1 ta' Mejju 2010, rispettivament, bir-Regolament (KEE) Nru 883/2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali[8] u bir-Regolament (KE) Nru 987/2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament Nru 883/2004[9]. Madankollu, l-ewwel regolamenti huma applikabbli *ratione temporis* għall-fatti inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

7 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol 5, p. 10).
8 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol 5, p. 72).
9 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 (ĠU 2009, L 284, p. 1).

### *B. Id-dritt Franċiż*

15. L-Artikolu L. 8221-3 tal-code du travail (il-Kodiċi tax-Xogħol), li joħroġ mid-Digriet Nru 2007-329 tat-12 ta' Marzu 2007 [10], fil-verżjoni tiegħu applikabbli fiż-żmien tal-fatti, jipprovdi:

"Huwa meqjus xogħol mhux iddikjarat minħabba l-ħabi tal-attività, l-eżerċizzju bi skop ta' lukru ta' attività ta' produzzjoni, ta' trasformazzjoni, ta' tiswija jew ta' provvista ta' servizzi jew it-twettiq ta' atti ta' kummerċ minn kull persuna li, biex tevadi intenzjonalment l-obbligi tagħha:

[…]

2° […] ma pproċedietx biex tagħmel id-dikjarazzjonijiet li għandhom isiru lill-organi għal protezzjoni soċjali jew lill-awtoritajiet fiskali skont id-dispożizzjonijiet legali fis-seħħ".

16. L-Artikolu L. 1262-3 tal-Kodiċi tax-Xogħol, li joħroġ mid-Digriet Nru 2007-329, fil-verżjoni applikabbli fiż-żmien tal-fatti, jipprovdi:

"Persuna li timpjega ma tistax tibbenefika mid-dispożizzjonijiet applikabbli għall-kollokament tal-impjegati meta l-attività tagħha hija kompletament orjentata lejn it-territorju nazzjonali jew meta titwettaq f'postijiet jew b'infrastrutturi li jinsabu fit-territorju nazzjonali li minnu din l-attività titwettaq b'mod abitwali, stabbli u kontinwu. Hija ma tistax b'mod partikolari tibbenefika minn dawn id-dispożizzjonijiet meta l-attività tagħha tkun tinvolvi t-tiftix u l-prospettiva ta' klijentela jew ir-reklutaġġ ta' impjegati fuq dan it-territorju.

F'dawn is-sitwazzjonijiet, il-persuna li timpjega hija suġġetta għad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tax-Xogħol applikabbli għall-impriżi stabbiliti fit-territorju Franċiż".

17. Skont l-Artikolu R. 330-2-1 tal-code de l'aviation civile (il-Kodiċi tal-Avjazzjoni Ċivili), li joħroġ mid-Digriet Nru 2006-1425 tal-21 ta' Novembru 2006 [11]:

"L-Artikolu L. 342-4 tal-Kodiċi tax-Xogħol [12] japplika għall-impriżi ta' trasport bl-ajru skont il-bażijiet tal-operat tagħhom li jinsabu fit-territorju Franċiż.

Il-bażi tal-operat hija numru ta' postijiet jew ta' infrastrutturi li minnhom l-impriża twettaq b'mod stabbli, abitwali u kontinwu attività ta' trasport bl-ajru permezz ta' impjegati li għandhom hemmhekk iċ-ċentru effettiv tal-attività professjonali tagħhom. Fis-sens tad-dispożizzjonijiet preċedenti, iċ-ċentru tal-attività professjonali ta' impjegat huwa l-post fejn, b'mod abitwali, huwa jaħdem jew dak li fih jieħu s-servizz tiegħu u jirritorna wara t-twettiq ta' xogħlu".

10 JORF tat-13 ta' Marzu 2007.

11 JORF tat-23 ta' Novembru 2006.

12 Wara d-dħul fis-seħħ tal-Artikolu R. 330-2-1 tal-code de l'aviation civile (il-Kodiċi tal-Avjazzjoni Ċivili), l-Artikolu L. 342-4 tal-code du travail (il-Kodiċi tax-Xogħol) ġie ssostitwit bl-Artikolu L. 1262-3 ta' dan l-aħħar kodiċi. Dan l-Artikolu R. 330-2-1 madankollu ma ġiex emendat konsegwentement.

## III. Il-kawżi prinċipali

### *A. Il-proċedura kriminali kontra Vueling*

18. Vueling hija kumpannija tal-ajru li twettaq trasport internazzjonali bl-ajru ta' passiġġieri li s-sede tagħha tinsab f'Barcelona (Spanja). Fil-21 ta' Mejju 2007, din il-kumpannija tal-ajru bdiet topera titjiriet lejn diversi destinazzjonijiet Spanjoli mill-ajruport ta' Paris-Charles-de-Gaulle fi Roissy. Għal dan il-għan, hija kienet irreġistrat fir-Reġistru tal-Kummerċ u tal-Kumpanniji ta' Bobigny (Franza) il-ħolqien ta' negozju ta' trasport bl-ajru u self-handling waqt il-waqfa, stabbilit f'dan l-ajruport.

19. Fit-28 ta' Mejju 2008, wara xi kontrolli, l-ispettorat tax-xogħol kompetenti ħareġ proċess verbal fir-rigward tax-xogħol mhux iddikjarat kontra Vueling. Fih kien ġie kkonstatat li din il-kumpannija tal-ajru kienet tokkupa, f'dan l-ajruport, postijiet kummerċjali amministrattivi fejn topera u tmexxi swali ta' mistrieħ u għall-preparazzjoni tat-titjiriet tal-ekwipaġġ tal-ajru, uffiċċju għas-superviżjoni tal-bank tal-biljetti u għar-reġistrazzjoni tal-passiġġieri. Hemmhekk, l-imsemmija kumpannija kienet timpjega, minn naħa, 50 persuna bħala membri tal-ekwipaġġ tal-ajru kummerċjali u 25 persuna bħala membri tal-ekwipaġġ tal-ajru tekniċi, li l-kuntratti ta' impjieg tagħhom kienu suġġetti għad-dritt Spanjol u, min-naħa l-oħra, persunal fuq l-art (direttur kummerċjali, manaġer tal-operat u mekkanik ewlieni) li l-kuntratti ta' impjieg tagħhom kienu rregolati mid-dritt Franċiż.

20. L-ispettorat tax-xogħol irrileva li kien biss il-persunal fuq l-art li kien iddikjarat mal-organi tas-sigurtà soċjali Franċiżi. Min-naħa tiegħu l-ekwipaġġ tal-ajru kellu fil-pussess tiegħu ċ-ċertifikati E 101 li jattestaw li huma kienu kollokati temporanjament fi Franza u msieħba għall-perijodu ta' kollokament mal-iskema tas-sigurtà soċjali Spanjola. L-ispettorat tax-xogħol ikkonstata li 48 impjegat ma kinux jaħdmu abitwalment għal Vueling u kienu ġew irreklutati inqas minn tletin jum qabel il-kollokament tagħhom, ċerti minnhom lejlet jew fl-istess jum, u kkonkluda minn dan li dawn kienu ġew irreklutati biex jiġu kkollokati. Għal 21 minn dawn l-impjegati, ir-rendikont tal-paga kien isemmi indirizz fi Franza, u numru sinjifikattiv ta' dikjarazzjonijiet ta' kollokament kien fihom dikjarazzjonijiet ta' residenza foloz li jaħbu l-fatt li l-maġġoranza tal-ħaddiema kkollokati ma kellhomx il-kwalità ta' residenti Spanjoli, fejn uħud minnhom ma kienu qatt għexu fi Spanja. Meħud kont ta' dawk li l-kuntratt ta' impjieg tagħhom kien skada, irriżulta li t-total ta' 103 ħaddiema ma kienx ġie ddikjarat mas-sigurtà soċjali Franċiża.

21. L-ispettorat tax-xogħol irrileva wkoll li fl-ajurport Paris-Charles-de-Gaulle, Vueling kellha "bażi tal-operat" fis-sens tal-Artikolu R. 330-2-1 tal-Kodiċi tal-avjazzjoni ċivili fejn il-membru tal-ekwipaġġ tal-ajru kien jibda u jieqaf mis-servizz tiegħu f'din il-bażi. Skont l-Artikolu L. 1262-3 tal-Kodiċi tax-Xogħol, Vueling ma setgħetx għaldaqstant tinvoka d-dispożizzjonijiet applikabbli għall-kollokament tal-ħaddiema. F'dan il-kuntest, l-ispettorat tax-xogħol ikkunsidra li għalkemm, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, iċ-ċertifikat E 101 kien jitqies bħala preżunzjoni ta' affiljazzjoni, dan id-dokument ma jurix il-validità tal-użu tal-kollokament. Huwa sostna li dan kien kollokament bi frodi u li kien hemm dannu għall-ħaddiema mċaħħda, b'mod partikolari, mill-aċċess għad-drittijiet tal-iskema tas-sigurtà soċjali Franċiża, imma wkoll għall-kollettività, peress li persuna li timpjega ma ħallsitx l-ammonti dovuti lil din l-iskema.

22. Wara din l-investigazzjoni, Vueling ġiet imfittxija kriminalment, minħabba r-reat ta' xogħol mhux iddikjarat permezz ta' attività mhux iddikjarata, prevista fl-Artikolu L. 8221-3 tal-Kodiċi tax-Xogħol, talli bejn il-21 ta' Mejju 2007 u s-16 ta' Mejju 2008, fi Roissy, eżerċitat intenzjonalment l-attività ta' trasportatur bl-ajru ta' passiġġieri billi ma pproċedietx biex tagħmel id-dikjarazzjonijiet li kellhom isiru lill-organiżmi tas-sigurtà soċjali, b'mod partikolari billi ħbiet l-attività eżerċitata fi Franza u billi assimilatha b'mod irregolari bħala kollokament ta' ħaddiema.

23. Permezz ta' sentenza tal-1 ta' Lulju 2010, it-tribunal correctionnel de Bobigny (il-Qorti Kriminali ta' Bobigny, Franza) ħelset lil Vueling.

24. Permezz ta' sentenza tal-31 ta' Jannar 2012, il-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi, Franza) annullat is-sentenza li ngħatat fl-ewwel istanza u kkundannat lil Vueling għal multa ta' EUR 100 000. Dik il-qorti kkunsidrat, minn naħa, li din il-kumpannija tal-ajru kienet topera fi Roissy fil-kuntest ta' "bażi tal-operat" fis-sens tal-Artikolu R. 330-2-1 tal-Kodiċi tal-Avjazzjoni Ċivili, u li din l-attività kienet taqa' konsegwentement taħt il-każijiet ikkontemplati fl-Artikolu L. 1262-3 tal-Kodiċi tax-Xogħol. L-imsemmija qorti rrilevat li l-entità inkwistjoni kienet tiffunzjona b'mod awtonomu, peress li Vueling irreklutat għal dan il-għan direttur. Din l-awtonomija kienet timplika wkoll li l-kumpannija ma setgħetx turi li kellha rabta organika mal-ħaddiema kkollokati. Min-naħa l-oħra, l-istess qorti kkunsidrat li Vueling kienet intenzjonalment kisret ir-regoli applikabbli, b'mod partikolari billi tat ir-residenza lil 41 mill-ħaddiema, li għalihom kienet applikat għall-kollokament fl-indirizz tas-sede tagħha stess mingħajr ma kienet f'pożizzjoni li tagħti spjegazzjoni serja li tista' tneħħi s-suspett ta' frodi. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi kkunsidrat li, għalkemm iċ-ċertifikati E 101 kienu jgħoddu bħala preżunzjoni ta' affiljazzjoni mal-iskema tas-sigurtà soċjali Spanjola, li jorbtu lill-istituzzjonijiet Franċiżi kompetenti fil-qasam tas-sigurtà soċjali, huma ma setgħux jipprekludu lill-qorti kriminali milli tikkonstata l-ksur intenzjonat tad-dispożizzjonijiet legali li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-validità tal-kollokament tal-ħaddiema.

25. Vueling appellat fil-kassazzjoni. Permezz ta' sentenza tal-11 ta' Marzu 2014, il-Cour de cassation, chambre criminelle (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Awla Kriminali), ċaħdet dan l-appell. Dik il-qorti kkunsidrat li Vueling ma setgħetx tibbenefika mir-regoli applikabbli għall-kollokament tal-ħaddiema previsti fl-Artikolu 14(1)(a) tar-Regolament Nru 1408/71 peress li l-attività li hija kienet teżerċita fi Roissy kienet twettqet b'mod abitwali, stabbli u kontinwu fil-postijiet jew b'infrastrutturi li jinsabu fit-territorju nazzjonali, u għaldaqstant kienu jaqgħu taħt id-dritt ta' stabbiliment, fis-sens tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu L. 1263-3 tal-Kodiċi tax-Xogħol u tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, Vueling ma setgħetx tibbenefika miċ-ċertifikati E 101 u r-reat ta' xogħol mhux iddikjarat, previst fl-Artikolu L. 8221-3 tal-Kodiċi tax-Xogħol, irriżulta pprovat kontriha.

### *B. Id-djalogu li seħħ bejn l-istituzzjonijiet Franċiżi u Spanjoli*

26. Jirriżulta mill-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja li, permezz ta' ittra tal-4 ta' April 2012, l-Union de recouvrement des cotisations de sécurité sociale et d'allocations familiales (l-Unjoni għall-Irkupru ta' Kontribuzzjonijiet ta' Sigurtà Soċjali u ta' Allowance tal-Familja) (Urssaf) ta' Seine-et-Marne (Franza) ġabet il-fatti kontenzjużi għall-konjizzjoni tal-istituzzjoni li ħarġet iċ-ċertifikati E 101 prodotti minn Vueling, jiġifieri t-Tesorería general de la seguridad social de Cornellà de Llobregat (Spanja) u talbet lil din l-istituzzjoni biex tannulla ċ-ċertifikati inkwistjoni.

27. Permezz ta' deċiżjoni tas-17 ta' April 2014, l-istituzzjoni emittenti annullat iċ-ċertifikati E 101 kontenzjużi. Hija madankollu żammet il-kontribuzzjonijiet imħallsa minn Vueling lis-sigurtà soċjali Spanjola għall-ħaddiema kkonċernati, minħabba li r-rimbors tagħhom kien preskritt.

28. Fid-29 ta' Mejju 2014, Vueling ressqet appell quddiem awtorità amministrattiva superjuri minn din id-deċiżjoni. Permezz ta' deċiżjoni tal-1 ta' Awwissu 2014, l-awtorità amministrattiva superjuri ċaħdet dak l-appell. Madankollu, permezz ta' deċiżjoni tal-5 ta' Diċembru 2014, l-istess awtorità rrevediet id-deċiżjoni inizjali tagħha, sabiex "tħalli mingħajr effett l-annullament tal-formoli tal-ivvjaġġar" minħabba li, fid-dawl taż-żmien li ddekorra minn meta seħħew il-fatti, ma kienx xieraq li l-affiljazzjoni tal-ħaddiema kkonċernati mas-sigurtà soċjali tiġi ddikjarata indebita, peress li ma kienx possibbli li l-kontribuzzjonijiet imħallsa jiġu rrimborsati. Barra minn hekk, dawn il-ħaddiema kienu setgħu jibbenefikaw minn benefiċċji abbażi tal-kontribuzzjonijiet tagħhom, b'mod li f'każ ta' annullament tal-affiljazzjoni tagħhom, huma setgħu jsibu ruħhom mingħajr protezzjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, skont din l-awtorità, l-annullament taċ-ċertifikati E 101 biss ma kienx iġġustifikat, minħabba li l-ħruġ tagħhom kien is-sempliċi konsegwenza tal-affiljazzjoni tal-ħaddiema kkonċernati mal-iskema ta' sigurtà soċjali Spanjola.

29. B'mod parallel, peress li ma rċevewx risposta mill-istituzzjoni emittenti, u fid-dawl tal-konferma tal-kundanna ta' Vueling mill-Qorti tal-Kassazzjoni, Awla Kriminali, fil-11 ta' Marzu 2014, l-awtoritajiet Franċiżi staqsew mill-ġdid lill-kontroparti tagħhom fi Spanja, fit-22 u fit-23 ta' Ottubru 2014.

30. Permezz ta' ittra tad-9 ta' Diċembru 2014, l-awtoritajiet Spanjoli informaw lill-awtoritajiet Franċiżi bid-deċiżjoni finali tal-istituzzjoni emittenti tal-5 ta' Diċembru 2014 li żammet iċ-ċertifikati E 101 kontenzjużi. Fil-11 ta' Diċembru 2014, l-awtoritajiet Spanjoli bagħtu t-test tad-deċiżjoni inkwistjoni lill-awtoritajiet Franċiżi.

31. Permezz ta' ittra tas-7 ta' April 2015, l-awtoritajiet Franċiżi stiednu lill-istituzzjoni emittenti sabiex terġa' tikkunsidra d-deċiżjoni tagħha. Fl-24 ta' Ġunju 2015, ġiet organizzata vidjokonferenza bejn l-istituzzjonijiet kompetenti Franċiżi u Spanjoli, li ma wasslitx biex dawn isolvu n-nuqqas ta' qbil tagħhom.

### *C. Ir-rikors taċ-CRPNPAC (Kawża C-370/17)*

32. Fil-11 ta' Awwissu 2008, iċ-CRPNPAC adixxiet lit-tribunal de grande instance de Bobigny (il-Qorti Reġjonali ta' Bobigny). Dan ir-rikors huwa intiż b'mod partikolari biex jingħata kumpens lil dan il-fond għad-danni li huwa ġarrab minħabba n-nuqqas ta' affiljazzjoni, mal-iskema tal-irtirar supplimentari li huwa jamministra, tal-ekwipaġġ tal-ajru impjegat minn Vueling fi Roissy.

33. It-tribunal de grande instance de Bobigny (il-Qorti Reġjonali ta' Bobigny) issospendiet il-proċeduri sakemm ikun hemm deċiżjoni finali fil-proċedura kriminali mibdija kontra Vueling. Wara s-sentenza tal-31 ta' Marzu 2014 tal-Cour de cassation, chambre criminelle (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Awla Kriminali), il-proċedura quddiem din il-qorti kompliet.

34. F'dan il-kuntest, it-tribunal de grande instance de Bobigny (il-Qorti Reġjonali ta' Bobigny) tistaqsi jekk il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-effett vinkolanti taċ-ċertifikat E 101 hijiex applikabbli fil-każ fejn il-qrati tal-Istat Membru ospitanti tal-ħaddiema kkonċernati kkundannaw lill-persuna li timpjega kriminalment minħabba xogħol mhux iddikjarat, ħaġa li timplika l-eżistenza ta' intenzjoni frawdolenti jew abbuż ta' dritt.

35. F'dawn iċ-ċirkustanzi, permezz ta' deċiżjoni tat-30 ta' Marzu 2017, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-19 ta' Ġunju 2017, it-tribunal de grande instance de Bobigny (il-Qorti Reġjonali ta' Bobigny) issospendiet il-proċeduri quddiemha u adixxiet lill-Qorti tal-Ġustizzja.

### *D. Ir-rikors ta' J. Poignant (Kawża C-37/18)*

36. Fil-21 ta' April 2007, J. Poignant ġie rreklutat minn Vueling bħala kopilota, taħt kuntratt ta' impjieg irregolat mid-dritt Spanjol. Fl-14 ta' Ġunju 2007, huwa ġie kkollokat, b'emenda ta' dak il-kuntratt, fl-ajruport ta' Paris-Charles-de-Gaulle.

37. Permezz ta' ittra tat-30 ta' Mejju 2008, J. Poignant irriżenja, wara li invoka b'mod partikolari l-illegalità tas-sitwazzjoni kuntrattwali tiegħu fir-rigward tad-dritt Franċiż, u mbagħad irtiraha b'posta elettronika tat-2 ta' Ġunju 2008. Permezz ta' ittra tad-9 ta' Ġunju 2008, huwa sar jaf bit-terminazzjoni tal-kuntratt ta' impjieg tiegħu, fejn invoka mill-ġdid din l-illegalità.

38. Fil-11 ta' Ġunju 2008, J. Poignant adixxa lill-conseil des prud'hommes de Bobigny (il-Qorti Industrijali ta' Bobigny, Franza) billi talab li r-riżenja tiegħu tiġi kklassifikata bħala notifika ta' terminazzjoni li tipproduċi l-effetti ta' tkeċċija mingħajr kawża reali u serja[13] filwaqt li talab, b'mod partikolari, li jitħallas tad-danni minħabba x-xogħol mhux iddikjarat u minħabba n-nuqqas ta' kontribuzzjoni fis-sigurtà soċjali Franċiża.

39. Permezz ta' sentenza tal-14 ta' April 2011, il-conseil des prud'hommes de Bobigny (il-Qorti Industrijali ta' Bobigny) ċaħdet it-talbiet ta' J. Poignant. Dik il-qorti kkunsidrat li Vueling kienet wettqet, b'mod regolari, il-formalitajiet amministrattivi applikabbli, b'mod partikolari billi talbet mingħand l-organi ta' sigurtà soċjali Spanjoli ċ-ċertifikati E 101 għall-ħaddiema tagħha. L-imsemmija qorti rrilevat ukoll li l-kollokament ta' J. Poignant ma kienx qabeż sena u li dan ma kienx intbagħat biex jissostwixxi persuna oħra.

40. Permezz ta' sentenza tal-4 ta' Marzu 2016, il-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi) annullat is-sentenza tal-Qorti Industrijali. Filwaqt li bbażat ruħha fuq il-prinċipju tar-*res judicata* tas-sentenza mogħtija minnha, fil-kriminal, fil-31 ta' Jannar 2012, dik il-qorti kkundannat lil Vueling biex tħallas lil J. Poignant danni b'mod partikolari bħala somma f'daqqa minħabba xogħol mhux iddikjarat u minħabba n-nuqqas ta' ħlas ta' kontribuzzjonijiet fis-sigurtà soċjali Franċiża.

41. Vueling ressqet appell fil-kassazzjoni. F'dan il-kuntest, il-Cour de cassation, chambre sociale (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Awla Industrijali), tosserva li mis-sentenza mogħtija, fil-kriminal, mill-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi) fil-31 ta' Jannar 2012 jirriżulta li din il-kumpannija tal-ajru kellha, fiż-żmien tal-fatti kontenzjużi, "bażi tal-operat" fi Roissy, jiġifieri "fergħa", fis-sens tal-Artikolu 14(2)(a)(i) tar-Regolament Nru 1408/71. Barra minn hekk, il-fatt li ċ-ċertifikati E 101 li minnhom ibbenefikat Vueling kienu nħarġu skont l-Artikolu 14(1)(a) ta' dan ir-regolament, filwaqt li s-sitwazzjoni tal-ekwipaġġ tal-ajru tagħha kienet taqa', fir-realtà, taħt l-imsemmi Artikolu 14(2)(a)(i), u li huma jsemmu bħala l-post tal-attività tal-ħaddiema kkonċernati l-ajruport ta' Paris-Charles-de-Gaulle huwa, minnu nnifsu, tali li juri li dawn iċ-ċertifikati nkisbu b'mod frawdolenti. Il-Cour de cassation, chambre sociale (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Awla Industrijali), tistaqsi jekk il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-effett vinkolanti taċ-ċertifikat E 101, li kien affermat mill-ġdid fis-sentenza A-Rosa Flussschiff[14], tapplikax f'ċirkustanzi simili.

42. Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv, tqum allura l-kwistjoni dwar jekk il-prinċipju tas-supremazija tad-dritt tal-Unjoni kienx jipprekludi li l-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi), li hija marbuta li tapplika d-dritt intern minħabba l-prinċipju tal-awtorità ta' *res judicata* tal-kriminal fuq iċ-ċivil, tislet, fis-sentenza tagħha tal-4 ta' Marzu 2016, il-konsegwenzi tas-sentenza mogħtija minnha, fil-kriminal, fil-31 ta' Jannar 2012, u tikkundanna lil Vueling sabiex tħallas id-danni lil J. Poignant minħabba s-sempliċi fatt ta' din il-kundanna kriminali preċedenti.

43. F'dawn iċ-ċirkustanzi, permezz ta' deċiżjoni tal-10 ta' Jannar 2018, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-19 ta' Jannar 2018, il-Cour de cassation, chambre sociale (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Awla Industrijali), issospendiet il-proċeduri quddiemha u adixxiet lill-Qorti tal-Ġustizzja.

13 Fid-dritt Franċiż, meta ħaddiem iwaqqaf unilateralment il-kuntratt tax-xogħol tiegħu minħabba fatti li huwa jakkuża bihom lill-persuna li timpjegah, dik it-terminazzjoni tikkostitwixxi notifika ta' terminazzjoni u tipproduċi l-effetti ta' tkeċċija mingħajr kawża reali u serja. Madankollu, il-ħaddiem jista' jwaqqaf il-kuntratt ta' xogħol tiegħu minħabba żball tal-persuna li timpjegah biss f'każ ta' nuqqas min-naħa ta' din il-persuna suffiċjentement gravi li jipprekludi t-tkomplija tal-kuntratt ta' xogħol. Inkella, in-notifika ta' terminazzjoni tipproduci l-effetti ta' riżenja.

14 Sentenza tas-27 ta' April 2017 (C-620/15, iktar 'il quddiem is-"sentenza A-Rosa Flussschiff", EU:C:2017:309).

## IV. Id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

44. Fil-Kawża C-370/17, it-tribunal de grande instance de Bobigny (il-Qorti Reġjonali ta' Bobigny) għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-effett marbut maċ-ċertifikat E 101 maħruġ, konformement mal-Artikoli 11(1) u 12a(1a) tar-[Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 574/72] mill-istituzzjoni maħtura mill-awtorità tal-Istat Membru li l-leġiżlazzjoni ta' sigurtà soċjali tiegħu tibqa' applikabbli għas-sitwazzjoni tal-impjegat, għandu jinżamm minkejja li ċ-ċertifikat E 101 ikun inkiseb bħala riżultat ta' frodi jew ta' abbuż ta' dritt, ikkonstatat b'mod definittiv minn qorti tal-Istat Membru fejn l-impjegat jeżerċita jew għandu jeżerċita l-attività tiegħu?

2) Fil-każ fejn ir-risposta għal din id-domanda tkun pożittiva, il-ħruġ ta' ċertifikati E 101 jipprekludi li persuni li jkunu vittmi tad-dannu li jkunu sostnew minħabba l-aġir tal-persuna li timpjega, li hija l-awtriċi tal-frodi, jiksbu kumpens għalih, mingħajr ma s-sħubija tal-impjegati għas-sistemi indikati miċ-ċertifikat E 101 tiġi kkontestata permezz tal-azzjoni għad-danni eżerċitata kontra l-persuna li timpjega?"

45. Fil-Kawża C-37/18, il-Cour de cassation, chambre sociale (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Awla Industrijali), għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja [...] fis-sentenza tagħha A Rosa Flussschiff [...] lill-Artikolu 14(2)(a) tar-Regolament [Nru 1408/71/KEE] tapplika għal tilwima dwar il-ksur ta' xogħol mhux iddikjarat li fih iċ-ċertifikati E101 inħarġu skont l-Artikolu 14(1)(a) [ta' dan ir-regolament], b'applikazzjoni tal-Artikolu 11(1) tar-[Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 574/72] filwaqt li s-sitwazzjoni kienet taqa' taħt l-Artikolu 14(2)(a)(i) [tar-Regolament Nru 1408/71] għall-persuni impjegati li jeżerċitaw l-attività tagħhom fit-territorju tal-Istat Membru li huma ċittadini tiegħu u li fih l-impriża ta' trasport bl-ajru stabbilita fi Stat Membru ieħor għandha fergħa u s-sempliċi qari taċ-ċertifikat E101 li jsemmi ajruport bħala l-post ta' attività tal-persuna impjegata u impriża tal-ajru bħala l-persuna li timpjega kien jippermetti li jiġi dedott li dan kien inkiseb b'mod frawdolenti?

2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv, il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li qorti nazzjonali, marbuta b'applikazzjoni tad-dritt nazzjonali tagħha bl-awtorità ta' *res judicata* minn qorti kriminali fuq il-qorti ċivili, tislet il-konsegwenzi minn deċiżjoni ta' qorti kriminali mogħtija b'mod inkompatibbli mar-regoli tad-dritt tal-Unjoni billi tikkundanna ċivilment lil persuna li timpjega tħallas danni lil persuna impjegata minħabba s-sempliċi fatt li din il-persuna li timpjega ġiet ikkundannata kriminalment għal xogħol mhux iddikjarat?"

46. Permezz ta' deċiżjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Frar 2018, il-Kawżi C-370/17 u C-37/18 ġew magħquda, meħud kont tal-konnessjoni tagħhom, għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub u orali kif ukoll għas-sentenza.

47. Iċ-CRPNPAC, J. Poignant, Vueling, il-Gvern Franċiż u Ċek, l-Irlanda, kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. L-istess partijiet u l-partijiet ikkonċernati, minbarra l-Gvern Ċek, kienu rrappreżentati matul is-seduta għas-sottomissjonijiet orali li nżammet fid-29 ta' Jannar 2019.

## V. Analiżi

### *A. Osservazzjonijiet preliminari*

48. Ma huwiex meħtieġ li titfakkar fid-dettall il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-effett vinkolanti taċ-ċertifikat E 101 [15]. Il-punti fundamentali tal-imsemmija ġurisprudenza huma magħrufa sew: la l-istituzzjoni kompetenti u lanqas il-qorti tal-Istat Membru ospitanti ma jistgħu jinjoraw, jew *a fortiori* jannullaw, ċertifikat E 101 li jkun inħareġ, f'isem xi ħaddiem, mill-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru li jibgħat lill-ħaddiem [16].

49. Kif sostnejt fl-introduzzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet, din il-ġurisprudenza ma ġietx milqugħa mill-qrati Franċiżi mingħajr kontroversja. Il-kawża Vueling hija tipika f'dan ir-rigward. Is-sentenza mogħtija mill-awla kriminali tal-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) fil-31 ta' Marzu 2014, li biha dik il-qorti kkonfermat il-kundanna tal-persuna kkonċernata minħabba xogħol mhux iddikjarat, kienet, flimkien ta' sentenza mogħtija fl-istess jum kontra easyJet f'kawża simili [17], minn tal-inqas innotata. Minn naħa, peress li l-awla kriminali, f'dawk is-sentenzi, ikkonfermat l-approċċ tal-qrati li eżaminaw il-mertu li kien jikkonsisti f'li ċ-ċertifikati E 101 prodotti minn dawn il-kumpanniji tal-ajru jiġu injorati billi kkunsidrathom irrilevanti għall-konstatazzjoni tar-reat inkwistjoni. Min-naħa l-oħra, peress li fuq dan il-punt hija ma għamlitx domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja.

50. Is-soluzzjoni, minn daqshekk, ma kinitx evidenti minnha nnifisha fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif kienet teżisti f'dak iż-żmien. Fil-fatt, l-element materjali ta' tali reat kriminali jikkonsisti fin-nuqqas ta' affiljazzjoni mas-sigurtà soċjali nazzjonali. Tali affiljazzjoni tista' tkun imposta biss skont ir-regoli tal-kunflitt tar-Regolament Nru 1408/71. L-applikazzjoni tajba ta' dawn ir-regoli hija għaldaqstant prerekwiżit biex jiġi kkonstatat tali reat. Issa, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, iċ-ċertifikat E 101 jattesta mhux biss l-affiljazzjoni tal-ħaddiem ikkonċernat mal-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali tal-Istat Membru tal-istituzzjoni emittenti, imma wkoll punti ta' fatt u ta' liġi li fuqhom huwa jkun ibbażat [18]. Fi kliem ieħor, l-imsemmi ċertifikat huwa prova li dik l-affiljazzjoni tosserva dawn l-istess regoli. Għaldaqstant ma huwiex evidenti li l-qorti tal-Istat Membru ospitanti, anki meta tiddeċiedi mhux fuq l-affiljazzjoni- ta' ħaddiem bħala tali, imma fuq l-istess reat kriminali, tkun tista' tiċħad kull rilevanza taċ-ċertifikat E 101 u tivverifika hija stess l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1408/71.

51. F'dan il-kuntest, id-diskussjonijiet iġġenerati mis-sentenzi tal-awla kriminali tagħha [19], il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni), adita mill-ġdid b'kawża dwar xogħol mhux iddikjarat, kienet iddeċidiet, f'seduta plenarja, li tagħmel id-domanda preliminari li wasslet għas-sentenza A-Rosa Flussschiff. Permezz ta' dik id-domanda, hija kienet talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrevedi

15 F'dan ir-rigward, nirreferi lill-qarrej għall-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża A-Rosa Flussschiff (C-620/15, EU:C:2017:12, punti 44 sa 55), u għal dawk fil-kawża Altun *et* (C-359/16, EU:C:2017:850, punti 32 sa 37).

16 Għalkemm iċ-ċertifikat E 101 jista' jinħareġ taħt ir-regoli applikabbi għall-kollokament tal-ħaddiema, li jinsabu fl-Artikolu 14(1)(a) tar-Regolament Nru 1408/71 u fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 574/72, huwa jista' jinħareġ ukoll abbażi ta' dispożizzjonijiet oħra, fosthom l-Artikolu 14(2)(a) tar-Regolament Nru 1408/71, applikabbli għall-persunal tal-ivvjaġġar u tat-titjir tal-impriżi ta' trasport (ara l-punti 124 u 134 ta' dawn il-konklużjonijiet).

17 Cour de cassation, chambre criminelle (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Awla Kriminali), Nru 11-88420.

18 Ara s-sentenza tas-26 ta' Jannar 2006, Herbosch Kiere (C-2/05, EU:C:2006:69, punti 19 u 32).

19 Is-sentenzi inkwistjoni qasmu b'mod partikolari d-dottrina nazzjonali. Ara, fost il-kritiċi, Lhernould, J. P., "Une compagnie aérienne peut-elle détacher des navigants en France? L'étonnante leçon anti-européenne de la chambre criminelle à propos du formulaire E 101", *RJS*, 2014, u, fost il-konformisti, Muller, F., "Face aux abus et contournements, la directive d'exécution de la directive détachement est-elle à la hauteur?", *Dr. Soc.*, 2014, p. 788. Barra minn hekk, wara lment ta' Vueling, il-Kummissjoni bdiet proċedura EU Pilot kontra Franza. Dan l-ilment madankollu ngħalaq wara l-għoti tas-sentenza A-Rosa Flussschiff.

l-ġurisprudenza tagħha dwar l-effett vinkolanti taċ-ċertifikat E 101, jew, tal-inqas, li tikkwalifikaha f'każ ta' żball manifest. Infakkar li, f'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja affermat mill-ġdid din il-ġurisprudenza billi ddeċidiet li, anki quddiem tali żball manifest, il-qorti tal-Istat Membru ospitanti hija marbuta b'dak iċ-ċertifikat [20].

52. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet irriżervat, fis-sentenza A-Rosa Flussschiff, l-ipoteżi tal-frodi. Din l-ipoteżi ġiet ittrattata fis-sentenza Altun. F'din l-aħħar sentenza, li ngħatat mill-Awla Manja, il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat, fil-prinċipju, li l-qorti tal-Istat Membru ospitanti tista' tinjora ċertifikat E 101 meta dak iċ-ċertifikat ikun inkiseb jew invokat b'mod frawdolenti.

53. Iż-żewġ domandi fil-Kawża C-370/17 u l-ewwel domanda fil-Kawża C-37/18 jagħtu l-okkażjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tippreċiża l-portata tas-sentenza Altun. Fid-dawl taċ-ċirkustanzi inkwistjoni fil-kawża prinċipali, u fid-dawl tal-osservazzjonijiet magħmula quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, jinħtieġu li jsiru, fil-fehma tiegħi, żewġ kjarifiki.

54. Minn naħa, għandha tiġi ppreċiżata s-setgħa mogħtija lill-qorti tal-Istat Membru ospitanti biex tinjora ċertifikat E 101 miksub jew invokat b'mod frawdolenti. Ser nispjega għaliex, fil-fehma tiegħi, dik il-qorti għandha ġurisdizzjoni sabiex tinjora tali ċertifikat meta jkollha provi li jistabbikixxu l-frodi, u dan indipendentement mid-djalogu bejn l-istituzzjonijiet kompetenti previst fl-Artikolu 84a(3) tar-Regolament 1408/71 [21] (taqsima B).

55. Min-naħa l-oħra, jeħtieġ li jiġi rivedut il-kunċett ta' "frodi" fis-sens tad-dritt tal-Unjoni u, f'dan il-kuntest, li jiġi ppreċiżat il-mod li bih ir-regoli ta' sigurtà soċjali previsti mir-Regolament Nru 1408/71 japplikaw għall-membri tal-ekwipaġġ tal-ajru tal-kumpanniji tal-ajru li jwettqu trasport internazzjonali. Fil-fehma tiegħi, u b'riżerva għall-verifiki mill-qrati tar-rinviju, iċ-ċirkustanzi bħalma huma dawk tal-kawża prinċipali jistgħu jistabbilixxu tali frodi (taqsima Ċ).

56. Fl-aħħar nett, għal dak li jikkonċerna t-tieni domanda fil-Kawża C-37/18, ser nispjega għaliex, fil-fehma tiegħi, id-dritt tal-Unjoni jipprekludi regola nazzjonali dwar l-awtorità ta' *res judicata* li tobbliga lill-qorti ċivili tapplika deċiżjoni kriminali finali, meta jkun ipprovat li din id-deċiżjoni hija inkompatibbli ma' dan id-dritt (taqsima D).

### *B. Dwar il-kompetenza tal-qorti tal-Istat Membru ospitanti biex tinjora ċertifikat E 101 miksub jew invokat b'mod frawdolenti*

57. Iċ-ċertifikat E 101 għandu bħala għan li jiżgura l-osservanza tal-prinċipju, stabbilit bl-Artikolu 13(1) tar-Regolament Nru 1408/71, tal-uniċità tal-leġiżlazzjoni applikabbli għal ħaddiem fil-qasam tas-sigurtà soċjali. Dan iċ-ċertifikat huwa intiż li jevita li l-istituzzjonijiet tad-diversi Stati Membri jagħmlu evalwazzjoni diverġenti ta' dik il-leġiżlazzjoni u li jipprevjeni l-kunflitti ta' kompetenza li jirriżultaw minn dan. Iċ-ċertifikat E 101 jikkontribwixxi għaldaqstant biex jiżgura ċ-ċertezza legali tal-ħaddiema li jiċċaqilqu fl-Unjoni u, għalhekk, b'estensjoni, dik tal-persuna li timpjegahom. B'dan il-mod, huwa jiffaċilita l-moviment liberu tal-ħaddiema u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi fl-Unjoni [22].

20 Ara s-sentenza A-Rosa Flussschiff, punt 61. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll, impliċitament imma neċessarjament, li n-natura ċivili jew kriminali tal-proċedura ma għandha ebda effett fuq l-effett vinkolanti taċ-ċertifikat E 101, peress li dan jorbot lill-qrati kollha tal-Istati Membri. Ara d-digriet tal-24 ta' Ottubru 2017, Belu Dienstleistung u Nikless (C-474/16, mhux ippubblikat, EU:C:2017:812, punt 17).

21 Fi kliem ieħor, filwaqt li għandi ċerti riżervi fuq il-mod għaġġieli li bih il-qrati kriminali Franċiżi injoraw iċ-ċertifikati E 101 prodotti minn Vueling u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja relatata miegħu, jidhirli li s-soluzzjoni li waslu għaliha hija, fil-prinċipju tagħha, konformi mad-dritt tal-Unjoni.

22 Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Altun *et* (C-359/16, EU:C:2017:850, punt 35).

58. Kieku l-istituzzjonijiet tal-Istat Membru ospitanti ma kinux, bħala regola ġenerali, marbutin bid-dettalji taċ-ċertifikat E 101, dawn l-għanijiet ikunu ppreġudikati. Bil-fatt li dan iċ-ċertifikat jiġi rrikonoxxut lilu effett vinkolanti u bil-fatt li l-istituzzjoni emittenti tingħata l-kompetenza esklużiva biex tirtirah, il-Qorti tal-Ġustizzja riedet tipprevjeni l-konsegwenzi li dan id-dokument huwa intiż preċiżament li jevita: li jkun hemm deċiżjonijiet kontradittorji dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli għal ħaddiem partikolari u r-riskju ta' kopertura doppja ta' sigurtà soċjali li tirriżulta minn dan [23].

59. Il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, li jinsab fl-Artikolu 4(3) TUE, jiġġustifika, barra minn hekk, din is-soluzzjoni. Skont dan il-prinċipju, l-istituzzjonijiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jassistu lil xulxin reċiprokament fl-implimentazzjoni tar-regoli ta' kunflitt previsti fir-Regolament Nru 1408/71. Minn dan jirriżulta mekkaniżmu ta' obbligi reċiproċi: l-istituzzjoni emittenti għandha tagħmel evalwazzjoni korretta tal-fatti rilevanti għall-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli u, għaldaqstant, tiggarantixxi l-eżattezza tad-dettalji li jinsabu fiċ-ċertifikat E 101; l-istituzzjonijiet tal-Istat Membru ospitanti għandhom, f'dan l-ispirtu ta' kooperazzjoni, jirrikonoxxu, fil-prinċipju, il-validità ta' dan iċ-ċertifikat u, f'każ ta' dubju fir-rigward ta' dawn id-dettalji, jinformaw bihom lill-istituzzjoni li ħarġitu. F'tali każ, huwa l-obbligu ta' din tal-aħħar li terġa' tikkunsidra l-fondatezza tal-għoti ta' dan iċ-ċertifikat, fl-istess spirtu ta' kooperazzjoni [24].

60. L-effett vinkolanti taċ-ċertifikat E 101 jibqa' meħtieġ fid-dawl tal-prinċipju ta' fiduċja reċiproka [25]. Dan il-prinċipju jimponi fuq kull Stat Membru li jassumi li, fil-prinċipju, l-Istati Membri kollha l-oħra josservaw id-dritt tal-Unjoni [26]. Skont l-imsemmi prinċipju, l-istituzzjonijiet tal-Istat Membru ospitanti għandhom għaldaqstant jippreżumu li l-istituzzjoni emittenti, meta toħroġ dan iċ-ċertifikat, tkun għamlet applikazzjoni ġusta tar-regoli ta' kunflitt previsti fir-Regolament Nru 1408/71.

61. B'dan premess, kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fis-sentenza Altun, il-ġurisprudenza dwar l-effett vinkolanti taċ-ċertifikat E 101 ma tistax tippermetti lill-individwi li jinvokaw id-dritt tal-Unjoni għal finijiet frawdolenti jew abbużivi [27].

62. F'dan ir-rigward, f'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li jeżisti, fid-dritt tal-Unjoni, prinċipju ġenerali ta' projbizzjoni tal-frodi u tal-abbuż mid-dritt, li l-osservanza tiegħu hija meħtieġa mill-individwi. Fil-fatt, l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ma tistax tiġi estiża sabiex tkopri l-operazzjonijiet li jitwettqu bil-għan li jibbenefikaw b'mod frawdolenti jew abbużivament mill-vantaġġi previsti minn dan id-dritt [28].

63. B'applikazzjoni ta' dan il-prinċipju ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fl-imsemmija sentenza, li ċertifikat E 101 frawdolenti ma jistax ikollu l-istess effett vinkolanti. Hija aċċettat, fil-prinċipju, li l-qorti tal-Istat Membru ospitanti għandha l-kompetenza biex tinjora ċertifikat E 101 u biex tislet il-konsegwenzi, previsti fid-dritt nazzjonali, tan-nuqqas ta' osservanza tar-regoli ta' sigurtà soċjali applikabbli, meta hija tikkonstata, abbażi ta' provi oġġettivi [29], u bil-kundizzjoni li l-persuna kkonċernata kellha l-possibbiltà li tikkontesta dawn il-provi, bl-osservanza tal-garanziji marbuta mad-dritt għal smigħ xieraq, li dak iċ-ċertifikat inkiseb jew ġie invokat b'mod frawdolenti [30].

23 Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Altun *et* (C-359/16, EU:C:2017:850, punt 36).

24 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Altun, punti 37 sa 39 u 41 sa 43 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata.

25 Sentenza Altun, punti 39 u 40.

26 Ara b'mod partikolari s-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja) (C-216/18 PPU, EU:C:2018:586, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 Sentenza Altun, punt 48.

28 Ara s-sentenza Altun, punt 49. Ara wkoll is-sentenza tat-22 ta' Novembru 2017, Cussens *et* (C-251/16, EU:C:2017:881, punti 27, 30, 31 u 33).

29 Għall-elementi li jikkostitwixxu frodi, fis-sens tad-dritt tal-Unjoni, u l-indizji li jippermettu li tiġi kkonstatata, ara t-taqsima Ċ ta' dawn il-konklużjonijiet.

30 Ara s-sentenza Altun, punti 55, 56 u 60.

64. Il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu rrikonoxxiet din il-kompetenza lill-qorti tal-Istat Membru ospitanti f'kuntest xi ftit partikolari. F'dan ir-rigward, fil-kawża li wasslet għas-sentenza Altun, l-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, wara li kkonstatat ċertu numru ta' provi li għandhom tendenza jindikaw li xi ċertifikati E 101 kienu nkisbu b'mod frawdolenti, kienet għamlet lill-istituzzjoni emittenti talba motivata għal eżami mill-ġdid jew għall-irtirar ta' dawn iċ-ċertifikati. Dik l-istituzzjoni tal-aħħar kienet wieġbet, wara tfakkira u iktar minn sena u nofs wara dik it-talba, billi bagħtet sunt tal-imsemmija ċertifikati, u indikat iż-żmien tal-validità tagħhom, filwaqt li ppreċiżat li l-kundizzjonijiet għall-kollokament kienu, fil-mument tal-ħruġ tal-imsemmija ċertifikati, issodisfatti mid-diversi persuni li jimpjegaw inkwistjoni. Min-naħa l-oħra, hija ma kinitx ħadet inkunsiderazzjoni, f'dik it-tweġiba, il-provi miġjuba għall-konjizzjoni tagħha mill-ewwel istituzzjoni [31]. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li:

"[…] meta, fil-kuntest ta' djalogu previst fl-Artikolu 84a(3) tar-Regolament Nru 1408/71, l-istituzzjoni tal-Istat Membru li fih ġew ikkollokati l-ħaddiema tadixxi lill-istituzzjoni li tkun ħarġet iċ-Ċertifikati E 101 b'elementi konkreti li jagħtu x'wieħed jaħseb li dawn iċ-ċertifikati nkisbu b'mod frawdolenti, hija t-tieni istituzzjoni, skont il-prinċipju tal-kooperazzjoni leali, li għandha teżamina mill-ġdid, fid-dawl ta' dawn l-elementi, il-fondatezza tal-ħruġ tal-imsemmija ċertifikati u, jekk ikun il-każ, li tirtirahom, […] Jekk din l-aħħar istituzzjoni tastjeni milli tipproċedi għal tali eżami mill-ġdid f'terminu raġonevoli, l-imsemmija provi għandhom ikunu jistgħu jiġu invokati fil-kuntest ta' proċedura ġudizzjarja bil-għan li tinkiseb mill-qorti tal-Istat Membru li fih ġew ikkollokati l-ħaddiema li tinjora ċ-ċertifikati inkwistjoni" [32].

65. Issa, din is-silta tista' tiġi interpretata b'żewġ modi. *Minn naħa*, huwa possibbli li wieħed jikkunsidra, l-istess bħal Vueling, il-Gvern Ċek, l-Irlanda u l-Kummissjoni, li, b'dan il-kliem, il-Qorti tal-Ġustizzja riedet tissuġġetta l-kompetenza tal-qorti tal-Istat Membru ospitanti biex tinjora ċertifikat E 101 miksub jew mitlub b'mod frawdolenti għall-iżvolġiment ta' djalogu bejn l-istituzzjonijiet kompetenti, kif previst fl-Artikolu 84a(3) tar-Regolament Nru 1408/71. B'mod iktar preċiż, dik il-qorti jkollha din il-kompetenza biss meta jkunu ssodisfatti *żewġ kundizzjonijiet kumulattivi*, jiġifieri (1) li l-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tkun ippreżentat lill-istituzzjoni emittenti provi konkreti li jagħtu lil wieħed x'jifhem li ċ-ċertifikat E 101 inkwistjoni nkiseb b'mod frawdolenti u (2) li din l-aħħar istituzzjoni tkun astjeniet milli terġa' tagħmel eżami ta' dak iċ-ċertifikat, fid-dawl ta' dawk il-provi, f'terminu raġonevoli.

66. *Min-naħa l-oħra*, l-imsemmija silta tista' tiġi interpretata, kif jagħmlu J. Poignant u ċ-CRPNPAC, fis-sens li l-Qorti tal-Ġustizzja ma riditx tistabbilixxi kundizzjonijiet ġenerali, imma sempliċement li tagħti risposta bbażata fuq iċ-ċirkustanzi tal-każ, mingħajr ma tippreġudika l-kompetenza tal-qorti tal-Istat Membru ospitanti f'kawżi oħra.

67. Infakkar li, għal dak li jikkonċerna d-djalogu bejn istituzzjonijiet kompetenti, iċ-ċirkustanzi inkwistjoni fil-kawża prinċipali huma differenti ħafna minn dawk li wasslu għas-sentenza Altun [33]. Il-punt dwar jekk, f'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qrati kriminali Franċiżi setgħux, u jekk il-qrati tar-rinviju jistgħux, jinjoraw iċ-ċertifikati E 101 kontenzjużi fired għaldaqstant lill-partijiet u lill-intervenjenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

68. Fil-fehma tiegħi, is-sentenza Altun ma tistax tiġi interpretata bħala li tillimita l-kompetenza tal-qorti tal-Istat Membru ospitanti, meta hija jkollha provi oġġettivi li jippermettu li tiġi kkonstatata l-frodi, sabiex tinjora ċertifikat E 101. Il-kunsiderazzjonijiet li jirrigwardaw id-djalogu bejn l-istituzzjonijiet kompetenti, previst fl-Artikolu 84a(3) tar-Regolament Nru 1408/71, li jinsabu f'dik

31 Ara s-sentenza Altun, punti 20 u 21.

32 Sentenza Altun, punti 54 u 55.

33 Ara l-punti 26 sa 31 ta' dawn il-konklużjonijiet.

is-sentenza ma jistgħux jinqraw bħala kundizzjonijiet għal din il-kompetenza (1). Kieku l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tkun ta' fehma differenti, ser nispjega r-raġunijiet għaliex, fi kwalunkwe każ, dawn il-kundizzjonijiet għandhom jitqiesu bħala ssodisfatti fiċ-ċirkustanzi bħalma huma dawk tal-kawża prinċipali (2).

*1. Fuq l-assenza ta' impatt tal-iżvolġiment tad-djalogu bejn istituzzjonijiet kompetenti fuq il-kompetenza tal-qorti tal-Istat Membru ospitanti li tinjora ċertifikat E 101 miksub jew mitlub b'mod frawdolenti*

69. L-interpretazzjoni li nissuġġerixxi hija bbażata, fil-fehma tiegħi, fuq applikazzjoni ġusta tal-prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni dwar il-projbizzjoni ta' prattiki frawdolenti jew abbużivi (a). Restrizzjoni tal-kompetenza tal-qorti tal-Istat Membru ospitanti biex tinjora ċertifikat E 101 miksub jew mitlub b'mod frawdolenti ma tista' tkun iġġustifikata minn ebda waħda mir-raġunijiet li normalment jiġġustifikaw l-effett vinkolanti taċ-ċertifikat E 101 ((b) sa (d)). Għall-kompletezza, din l-interpretazzjoni hija kkorroborata, fil-Kawża C-37/18, b'kunsiderazzjonijiet marbutin mal-protezzjoni effettiva li ħaddiem għandu jkun jista' jibbenefika minnha f'każ ta' frodi mwettqa mill-persuna li timpjegah (e). Fl-aħħar nett, l-imsemmija interpretazzjoni ma tippreġudikax, fil-fehma tiegħi, is-sistema bbażata fuq dan iċ-ċertifikat (f).

*a) Fuq il-prinċipju ġenerali ta' projbizzjoni tal-prattiki frawdolenti jew abbużivi*

70. L-interpretazzjoni li skontha l-qorti tal-Istat Membru ospitanti għandha l-kompetenza sabiex tinjora ċertifikat E 101 meta tikkonstata, abbażi ta' provi oġġettivi, li dak iċ-ċertifikat inkiseb jew ġie invokat b'mod frawdolenti hija, fil-fehma tiegħi, konsegwenza diretta u neċessarja tal-prinċipju li l-individwi ma jistgħux, b'mod frawdolenti jew abbużiv, jinvokaw ir-regoli tad-dritt tal-Unjoni.

71. Fil-fatt, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar dan il-prinċipju ġenerali, il-frodi jew l-abbuż ta' dritt tal-Unjoni, meta jiġu kkonstatati permezz ta' provi oġġettivi, iwasslu għar-*rifjut tad-dritt jew tal-vantaġġ imfittex lill-persuna kkonċernata* – u dan, barra minn hekk, huwa s-sempliċi konsegwenza tal-konstatazzjoni li skontha, fil-każ ta' frodi jew abbuż ta' dritt, il-kundizzjonijiet oġġettivi għall-finijiet tal-kisba tal-imsemmi dritt jew vantaġġ ma humiex, fir-realtà, issodisfatti [34].

72. Il-Qorti tal-Ġustizzja affermat mill-ġdid u bis-sħiħ din is-soluzzjoni fis-sentenzi reċenti tagħha N Luxembourg 1 *et* [35] kif ukoll T Danmark u Y Denmark [36], mogħtija mill-Awla Manja. Hija kkonfermat ukoll, f'dawn is-sentenzi, li qorti nazzjonali li jkollha quddiemha użu abbużiv jew frawdolenti tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni għandha, skont dan id-dritt, mhux is-sempliċi *fakultà*, imma d-*dmir* li jiċħad lill-persuna kkonċernata l-benefiċċju ta' dawn id-dispożizzjonijiet [37].

73. Għaldaqstant, b'applikazzjoni tal-prinċipju ġenerali inkwistjoni, il-qorti tal-Istat Membru ospitanti, meta jkollha provi li jistabbilixxu li ċertifikat E 101 inkiseb jew ġie invokat b'mod frawdolenti, għandha mhux biss il-*kompetenza li tinjora dak iċ-ċertifikat*, imma wkoll id-*dmir li tagħmel dan*.

34 Ara s-sentenza tat-22 ta' Novembru 2017, Cussens *et* (C-251/16, EU:C:2017:881, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 Sentenza tas-26 ta' Frar 2019 (C-115/16, C-118/16, C-119/16 u C-299/16, EU:C:2019:134, punti 96 sa 102).

36 Sentenza tas-26 ta' Frar 2019 (C-116/16 u C-117/16, EU:C:2019:135, punti 70 sa 76).

37 Ara s-sentenzi tas-26 ta' Frar 2019, N Luxembourg 1 *et* (C-115/16, C-118/16, C-119/16 u C-299/16, EU:C:2019:134, punti 110 u 120), kif ukoll T Danmark u Y Denmark (C-116/16 u C-117/16, EU:C:2019:135, punti 76 u 82).

74. L-iżvolġiment tad-djalogu bejn l-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru ospitanti u l-istituzzjoni emittenti fir-rigward tal-validità ta' ċertifikat E 101, ibbażat fuq l-Artikolu 84a(3) tar-Regolament Nru 1408/71, ma jistax, fil-fehma tiegħi, ikollu effett, b'mod validu, fuq il-kompetenza tal-qorti tal-ewwel Stat Membru, f'ċirkustanzi tali bħal dawk imsemmija fil-punt preċedenti, biex tinjora ċ-ċertifikat inkwistjoni [38].

75. F'dan ir-rigward, nosserva li, konformement mal-qari tas-sentenza Altun kif issuġġerit minn Vueling, mill-Gvern Ċek, mill-Irlanda u mill-Kummissjoni, li sunt tiegħu jinsab fil-punt 65 ta' dawn il-konklużjonijiet, jekk l-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru ospitanti ma bagħtitx lill-istituzzjoni emittenti talba għal eżami mill-ġdid taċ-ċertifikat E 101, jekk ma jkunx iddekorra terminu raġonevoli b'effett minn dik it-talba jew ukoll jekk din l-aħħar istituzzjoni rrispondiet f'tali terminu u affermat li, fil-fehma tagħha, fid-dawl tal-elementi kkomunikati, ma kienx hemm frodi, il-qorti tal-Istat Membru ospitanti ma tkunx tista' tinjora ċ-ċertifikat inkwistjoni, minkejja li hija jkollha provi oġġettivi li jistabbilixxu tali frodi.

76. Issa, fil-fehma tiegħi, tali riżultat huwa inkompatibbli mal-prinċipju ġenerali msemmi iktar 'il fuq u jwassal sabiex jittollera dak li hu inaċċettabbli f'Unjoni bis-saltna tad-dritt: minn naħa, individwu jkun jista' jibbenefika mill-aġir frawdolenti tiegħu; min-naħa l-oħra, il-qorti jkollha tittollera, ossija taċċetta, il-frodi [39].

77. Għandi nenfasizza li l-frodi tikkaġuna tfixkil fundamentali fl-ordni pubbliku, kemm jekk ikun dak tal-Istat Membru ospitanti jew dak tal-Unjoni – li fil-fehma tiegħi jitħalltu f'każ ta' frodi fil-qasam tas-sigurtà soċjali [40]. Huwa l-obbligu tal-qrati nazzjonali, bħala qrati tal-Unjoni, protetturi ta' dan l-ordni pubbliku, li jwaqqfu dan it-tfixkil. Din il-kompetenza ma għandha tbati ebda restrizzjoni u, mill-bqija, l-ebda waħda mir-raġunijiet li normalment jiġġustifikaw l-effett vinkolanti taċ-ċertifikat E 101 imressqa mill-partijiet u intervenjenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ma jiġġustifikawh.

*b) Fuq il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali*

78. Fl-ewwel lok, il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, kif implimentat fl-Artikolu 84a(3) tar-Regolament Nru 1408/71, ma jistax jiġġustifika tali distorsjoni tal-prinċipju ta' projbizzjoni tal-prattiki frawdolenti jew abbużivi.

79. Ċertament, l-istituzzjonijiet tal-Istati Membri għandhom jikkooperaw fl-implimentazzjoni tar-Regolament Nru 1408/71. Il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali jimponi, għaldaqstant, fuq l-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru ospitanti li tindirizza lill-istituzzjoni li ħarġet iċ-ċertifikat E 101, meta hija jkollha provi li juru l-eżistenza ta' frodi fiċ-ċertifikat E 101, sabiex tippermetti lil din l-aħħar istituzzjoni tikkunsidra mill-ġdid il-fondatezza tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat u li tirtirah jew tannullah [41].

38 Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Lenz fil-kawża Calle Grenzshop Andresen (C-425/93, EU:C:1995:12, punt 63). Ara, b'analoġija, is-sentenza tas-27 ta' Settembru 1989, van de Bijl (130/88, EU:C:1989:349, punti 20 sa 27), u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Darmon fil-kawża van de Bijl (130/88, mhux ippubblikati, EU:C:1989:157, punt 17). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mischo fil-kawża Paletta (C-45/90, mhux ippubblikati, EU:C:1991:434, punti 29 sa 34), u s-sentenza tat-2 ta' Mejju 1996, Paletta (C-206/94, EU:C:1996:182, punti 24 sa 28). F'dawn is-sentenzi, il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat li ċerti dokumenti, maħruġin mill-istituzzjonijiet ta' Stat Membru u li jorbtu, fil-prinċipju, lil dawk ta' Stat Membru ieħor, jistgħu jkunu injorati mill-qorti ta' dan l-aħħar Stat f'każ ta' frodi. Hija ċaħdet, f'dawn il-kawżi, is-suġġerimenti tal-intervenjenti li jipproponu li l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tkun ipprivileġġata.

39 Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Altun *et* (C-359/16, EU:C:2017:850, punt 44).

40 Ara l-kunsiderazzjonijiet li jinsabu fil-punt 82 ta' dawn il-konklużjonijiet.

41 Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Altun *et* (C-359/16, EU:C:2017:850, punt 71).

80. L-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru ospitanti ma tistax għaldaqstant tinħeles minn kull djalogu mal-istituzzjoni emittenti, anki f'każ ta' frodi [42]. Tali ksur tad-dmir ta' kooperazzjoni leali, b'mod partikolari jekk dan isir sistematiku, jista' b'mod partikolari jkun issanzjonat fil-kuntest ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.

81. Madankollu, din il-kooperazzjoni neċessarja ma tistax, fil-fehma tiegħi, tiġġustifika li l-qorti tal-Istat Membru ospitanti tkun limitata fil-kompetenza tagħha biex tikkonstata frodi fiċ-ċertifikat E 101. Indipendentement mill-iżvolġiment tad-djalogu bejn l-istituzzjonijiet kompetenti previst fl-Artikolu 84a(3) tar-Regolament Nru 1408/71, dik il-qorti għandha tkun tista' tinjora ċertifikat E 101 meta jkollha provi li jistabbilixxu li dak iċ-ċertifikat inkiseb jew ġie invokat b'mod frawdolenti, u dan kemm jekk tiġi adita mill-istituzzjoni kompetenti ta' dak l-Istat Membru, kemm jekk tippronunzja ruħha wara rikors għad-danni ppreżentat minn terzi kkonċernati, bħalma huma l-ħaddiema vittmi ta' dik il-frodi, jew kif ukoll jekk l-individwu li jibbaża ruħu fuq dak iċ-ċertifikat jaġixxi quddiemha bħala rikorrent.

82. Fil-fatt, wieħed ma jistax, bis-sempliċi għan li titħeġġeġ il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet, jipprekludi lill-qorti milli taġixxi kontra l-frodi fil-qasam tas-sigurtà soċjali. F'dan ir-rigward, il-ġlieda effikaċi kontra din il-frodi hija kruċjali. Fil-livell tal-Istati Membri, il-frodi marbuta mal-ħruġ taċ-ċertifikati E 101 tirrappreżenta theddida kontra l-koerenza u l-bilanċ finanzjarju tal-iskemi ta' sigurtà soċjali tagħhom u, fil-livell tal-Unjoni, din il-frodi hija tali li tippreġudika l-koeżjoni ekonomika kif ukoll il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, billi toħloq distorsjoni tal-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni [43].

83. Issa, għalkemm il-kooperazzjoni mill-qrib u effikaċi bejn l-istituzzjonijiet kompetenti hija, ċertament, fattur ċentrali fil-ġlieda kontra l-frodi [44], din il-kooperazzjoni madankollu ma għandhiex, fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, qafas vinkolanti li jippermettilha li taħdem dejjem biżżejjed malajr u b'mod effikaċi fil-qasam inkwistjoni [45]. Fil-fatt, infakkar li d-dritt tal-Unjoni, fil-mument, ma jinvolvi ebda proċedura għall-ħruġ jew għall-eżami mill-ġdid taċ-ċertifikati E 101, peress li dawn jaqgħu taħt id-dritt nazzjonali ta' kull Stat Membru u ebda terminu obbligatorju li jirregola l-komunikazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet kompetenti [46].

42 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-356/15, EU:C:2018:555, punt 105), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni f'dik il-kawża, li hija intiża li tiġġieled kontra ċ-ċertifikati E 101 miksuba jew invokati b'mod frawdolenti, ma kinitx tissodisfa r-rekwiżiti tas-sentenza Altun, peress li, b'mod partikolari, din il-leġiżlazzjoni ma tipprevedi l-ebda obbligu sabiex l-amministrazzjoni tibda proċedura ta' djalogu u ta' konċiljazzjoni prevista mir-Regolamenti Nru 883/2004 u Nru 987/2009.

43 Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Altun *et* (C-359/16, EU:C:2017:850, punt 46). Ara wkoll ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-14 ta' Settembru 2016, dwar id-dumping soċjali fl-Unjoni Ewropea, iċċitata iktar 'il fuq. Ara wkoll, b'analoġija fir-rigward tad-"dumping fiskali", is-sentenzi tas-26 ta' Frar 2019, N Luxembourg 1 *et* (C-115/16, C-118/16, C-119/16 u C-299/16, EU:C:2019:134, punt 107), kif ukoll T Danmark u Y Denmark (C-116/16 u C-117/16, EU:C:2019:135, punt 79).

44 Ara l-premessa 4 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva Nru H5 tat-18 ta' Marzu 2010 dwar il-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra l-frodi u l-iżbalji fil-qafas tar-[Regolament Nru 883/2004] u r-[Regolament Nru 987/2009] (ĠU 2010, C 149, p. 5).

45 Ara, b'analoġija, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Darmon fil-kawża van de Bijl (130/88, mhux ippubblikati, EU:C:1989:157, punt 17).

46 Infakkar li d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Amministrattiva li jipprovdu tali termini ma għandhomx effett vinkolanti. Ninnota madankollu li l-proposta għal emenda tar-regolamenti ta' koordinazzjoni attwalment dibattuta mil-leġiżlatur tal-Unjoni tipprevedi l-introduzzjoni ta' termini għall-eżami mill-ġdid, mill-istituzzjoni emittenti, tal-fondatezza tal-ħruġ taċ-ċertifikat E 101 u, jekk ikun il-każ, l-irtirar jew ir-rettifika tal-imsemmi ċertifikat, fuq talba ta' istituzzjoni kompetenti ta' Stat Membru ieħor. Fil-każ ta' frodi inkonfutabbli mwettqa mill-applikant għad-dokument, l-istituzzjoni emittenti għandha tirtira jew tirrettifika immedjatament id-dokument, b'effett retroattiv. Ara, għal iktar dettalji, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Altun *et* (C-359/16, EU:C:2017:850, punt 21).

84. Barra minn hekk, f'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn l-istituzzjonijiet kompetenti, l-użu tal-proċedura ta' konċiljazzjoni quddiem il-Kummissjoni Amministrattiva hija wkoll ta' natura li ttawwal it-terminu qabel kull sanzjoni. Mill-bqija, id-deċiżjonijiet ta' din il-kummissjoni ma għandhomx effett ġuridiku obbligatorju[47]. Li l-ġlieda kontra l-frodi tkun limitata għal din il-kooperazzjoni biss twassal biex, fil-fatt, din il-ġlieda ma titwettaqx bil-qawwa u bil-ħeffa kollha meħtieġa.

85. F'dan il-kuntest, ma nissuġġerixxix li l-unilateraliżmu tal-azzjonijiet quddiem il-qorti tal-Istat Membru ospitanti għandu jieħu preċedenza fuq il-kooperazzjoni leali. Fil-fehma tiegħi, dawn iż-żewġ metodi ta' azzjoni għandhom fir-realtà jimxu id f'id, peress li jikkompletaw lil xulxin. Barra minn hekk, dan huwa l-ispirtu tad-Direttiva 2014/67/UE dwar l-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonament ta' ħaddiema fil-qafas tal-prestazzjoni ta' servizzi u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern[48].

86. Fil-fatt, id-djalogu bejn l-istituzzjonijiet kompetenti li jsir qabel ma tiġi adita l-qorti tal-Istat Membru ospitanti jista' jippermetti li jitneħħew l-eventwali dubji li jikkonċernaw iċ-ċirkustanzi fattwali tal-każ inkwistjoni, b'mod partikolari meta l-konstatazzjoni tal-frodi teħtieġ verifiki fl-Istat Membru li fih ikun inħareġ dan iċ-ċertifikat[49]. Barra minn hekk, fl-ipoteżi fejn l-istituzzjoni li toħroġ iċ-ċertifikat tipproċedi għall-annullament jew għall-irtirar taċ-ċertifikat E 101 wara talba tal-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, it-talba quddiem il-qorti ta' dak l-Istat tista' tirriżulta li hija superfluwa. Id-djalogu bejn l-istituzzjonijiet kompetenti jista' għaldaqstant jippermetti l-ekonomija tal-ġudizzju[50]. Anki wara l-kundanna mill-qorti tal-Istat Membru ospitanti, dan id-djalogu jibqa' essenzjali. B'mod partikolari, l-annullament ta' ċertifikat E 101, li jkun validu fl-Unjoni kollha, jista' jiġi deċiż biss mill-istituzzjoni emittenti[51], peress li l-qorti tal-Istat Membru ospitanti tista' biss tinjora ċ-ċertifikat fil-kuntest tal-proċedura li tkun adita biha. Barra minn hekk, l-imsemmi djalogu jippermetti li jiġu ttrattati l-konsegwenzi finanzjarji tal-frodi u li jiġi ggarantit li l-ħaddiema ma jkollhomx isofru inkonvenjenzi fl-eżerċizzju tad-dritt tagħhom għas-sigurtà soċjali[52].

47 Il-kawża li wasslet għas-sentenza tas-6 ta' Settembru 2018, Alpenrind *et* (C-527/16, EU:C:2018:669), tipprovdi f'dan ir-rigward eżempju elokwenti. F'dik il-kawża, l-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru ospitanti kienet indikat lill-istituzzjoni emittenti li d-dokumenti portabbli A1 li hija kienet ħarġet għal ċerti ħaddiema ma kinux validi. L-istituzzjoni emittenti kienet irrifjutat li tirtira dawn id-dokumenti. Wara dan in-nuqqas ta' qbil, l-Istati Membri kkonċernati kienu adixxew lill-Kummissjoni Amministrattiva li kienet tat deċiżjoni li tirrigwarda l-irtirar tal-imsemmija dokumenti. Dawn l-istess dokumenti ma kinux madankollu ġew irtirati mill-istituzzjoni emittenti wara dik il-proċedura ta' konċiljazzjoni.

48 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 (ĠU 2014, L 159, p. 11). B'mod partikolari, l-Artikolu 6(10) ta' din id-direttiva jipprovdi li talba għall-informazzjoni bejn istituzzjonijiet kompetenti fir-rigward tal-kollokament ma tipprekludix lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti milli jieħdu miżuri skont il-liġi nazzjonali u d-dritt tal-Unjoni applikabbli biex jinvestigaw u jimpedixxu ksur allegat tar-regoli ta' kollokament tal-ħaddiema.

49 Nimmaġina b'mod partikolari t-tip ta' frodi inkwistjoni fil-kawża li wasslet għas-sentenza Altun, li tikkonsisti fil-ħolqien ta' kumpanniji li jagħmluha ta' "kaxxi tal-ittri" fi Stat Membru partikolari għall-finijiet biss tal-kollokament tal-ħaddiema fi Stat Membru ieħor. L-Irlanda u l-Kummissjoni jaslu saħansitra biex isostnu li l-qorti tal-Istat Membru ospitanti *ma jistax ikollha provi li jistabbilixxu l-frodi mingħajr ma jseħħ djalogu mal-istituzzjoni emittenti*. In-natura eċċessiva ta' din l-affermazzjoni tispikka mill-ewwel. Għalkemm tali djalogu mal-istituzzjoni emittenti jista' jirriżulta utli biex jinkisbu l-provi, dan ma huwiex indispensabbli. Din l-istituzzjoni ma hijiex dejjem f'pożizzjoni aħjar mill-awtoritajiet tal-Istat Membru ospitanti biex tikkonstata l-frodi. B'mod partikolari, hemm elementi deċiżivi li spiss jistgħu jiġu kkonstatati fl-Istat Membru ospitanti. Dan huwa l-każ fiċ-ċirkustanzi bħalma huma dawk tal-kawża prinċipali, fejn b'mod partikolari trid tiġi kkonstatata l-eżistenza, f'dak l-Istat, ta' fergħa proprjetà tal-persuna li timpjega u ta' rabta tal-ħaddiema ma' din il-fergħa (ara t-taqsima Ċ ta' dawn il-konklużjonijiet). Barra minn hekk, il-leġiżlatur tal-Unjoni insista huwa stess fuq ir-rwol ta' verifika mogħti lill-awtoritajiet tal-Istat Membru ospitanti, fid-Direttiva 2014/67, li l-Artikolu 7 tagħha jipprovdi, essenzjalment, li l-verifika dwar l-osservanza ta' din id-direttiva u tad-Direttiva 96/71 taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet ta' dan l-Istat megħjuna, jekk ikun il-każ, mill-awtoritajiet tal-Istat Membru li jibgħat lill-ħaddiema.

50 F'dan il-każ, kieku l-awtoritajiet Franċiżi kienu bdew id-djalogu iktar kmieni, l-istituzzjoni emittenti kienet probabbilment tannulla ċ-ċertifikati E 101 kontenzjużi, peress li hija rrinunzjat milli tagħmel dan essenzjalment minħabba raġunijiet ta' preskrizzjoni.

51 Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Altun *et* (C-359/16, EU:C:2017:850, punt 56).

52 Ara l-kunsiderazzjonijiet li jinsabu fin-nota ta' qiegħ il-paġna 56 ta' dawn il-konklużjonijiet.

*c) Fuq il-prinċipju tal-fiduċja reċiproka*

87. Fit-tieni lok, il-prinċipju tal-fiduċja reċiproka ma jeħtieġx, fil-fehma tiegħi, interpretazzjoni differenti minn dik li nipproponi jiena. Qabelxejn, għandu jiġi rrilevat li, meta tikkonstata li ċertifikat E 101 inkiseb b'mod frawdolenti, il-qorti tal-Istat Membru ospitanti ma tikkontestax l-osservanza tad-dritt tal-Unjoni mill-istituzzjoni li ħarġitu. Tali konstatazzjoni ta' frodi ma timplikax li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt id-dritt tal-Unjoni huwa imputabbli lilha, imma sempliċement li hija ġiet ingannata mill-manuvri frawdolenti tal-persuna li timpjega.

88. Sussegwentement, fil-każ fejn, fil-kuntest ta' djalogu tagħhom, l-istituzzjoni emittenti tkun ipproċediet, fuq it-talba tal-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, biex teżamina mill-ġdid ċertifikat E 101 u ddeċidiet li żżommu fis-seħħ filwaqt li tgħid li, fil-fehma tagħha, dak iċ-ċertifikat ma nkisibx jew ma ġiex invokat b'mod frawdolenti, il-prinċipju tal-fiduċja reċiproka jimponi, ċertament, li l-qorti tal-Istat Membru ospitanti tieħu debitament inkunsiderazzjoni dik ir-risposta u l-eventwali provi invokati minn dik l-istituzzjoni insostenn tagħha. Madankollu, dan il-prinċipju ma jistax jobbliga lil dik il-qorti tħossha marbuta b'dik ir-risposta minkejja li hija jkollha, barra minn hekk, provi li juru din il-frodi.

89. Fuq dan il-punt, wieħed ma jistax jirraġuna b'analoġija mal-istrumenti tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam ċivili u kriminali, li jimponu fuq il-qrati nazzjonali li jirrikonoxxu jew li jeżegwixxu ċerti dokumenti provenjenti minn Stati Membri oħra mingħajr ma jkunu jistgħu, fil-prinċipju, jikkontestaw il-fondatezza tagħhom. Fil-fatt, dawn l-istrumenti jidħlu fil-kuntest ta' kooperazzjoni bejn *awtoritajiet ġudizzjarji*, u dan jiġġustifika l-grad għoli ta' fiduċja li fuqha hija bbażata s-sistema ta' rikonoxximent u ta' eżekuzzjoni prevista minn dawn l-istrumenti [53]. L-istess grad ta' fiduċja ma jistax jintalab minn *qorti* fir-rigward tal-opinjoni espressa minn *awtorità amministrattiva* ta' Stat Membru ieħor. Fi kliem ieħor, il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka ma jistax jiġġustifika li l-istituzzjoni emittenti jkollha speċi ta' "dritt għall-*veto*" fuq il-kompetenza tal-qorti tal-Istat Membru ospitanti biex tinjora ċertifikat E 101 miksub jew mitlub b'mod frawdolenti.

90. Fl-aħħar nett, fi kwalunkwe każ, infakkar li l-prinċipju ta' fiduċja reċiproka joħloq *preżunzjoni* li d-dritt tal-Unjoni ġie osservat, li ċertament hija b'saħħitha, imma mhux inkonfutabbli. Min-naħa l-oħra, din il-preżunzjoni tista' tiġi kkonfutata "f'ċirkustanzi eċċezzjonali" [54]. Fil-fehma tiegħi, il-prova tal-frodi tikkostitwixxi tali ċirkustanza.

*d) Fuq il-prinċipji ta' uniċità tal-affiljazzjoni u ta' ċertezza legali*

91. Fit-tielet lok, il-prinċipju ta' uniċità tal-affiljazzjoni [55] lanqas ma jitlob interpretazzjoni differenti. Ċertament, kif tenfasizza Vueling, fil-kawża prinċipali, il-konstatazzjoni ta' frodi u n-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni taċ-ċertifikati E 101 kontenzjużi jkollhom b'mod partikolari bħala konsegwenza li jwasslu għall-kundanna ta' din biex tħallas liċ-CRPNPAC danni ekwivalenti għall-parti mill-kontribuzzjonijiet li ma tħallsux fi Franza, minkejja li l-istituzzjoni emittenti tirrifjuta fil-preżent li tirritorna l-kontribuzzjonijiet diġà mħallsa fi Spanja, ħaġa li, fiċ-ċirkustanzi, twassal għall-impożizzjoni ta' kontribuzzjoni doppja għall-istess attività.

53 Ara, pereżempju, dwar id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol 6, p. 34), is-sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, Poltorak (C-452/16 PPU, EU:C:2016:858, punt 45). Ara wkoll, fil-kuntest tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU 2012, L 351, p. 1) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Brussell Ia"), is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, Diageo Brands (C-681/13, EU:C:2015:471, punti 40 u 63).

54 Ara b'mod partikolari s-sentenza tal-5 ta' April 2016, Aranyosi u Căldăraru (C-404/15 u C-659/15 PPU, EU:C:2016:198, punt 82 u l-ġurisprudenza ċċitata).

55 Ara, dwar dan il-prinċipju, punt 57 ta' dawn il-konklużjonijiet.

92. Madankollu, tali konsegwenzi huma ta' preġudizzju mhux għall-ħaddiema kkonċernati, imma għall-persuna li timpjega li twettaq frodi. Issa, din tal-aħħar tieħu r-riskju li ġġarrab konsegwenzi parallelli billi tfixkel, bil-frodi tagħha, il-funzjonament tar-regoli tar-Regolament Nru 1408/71. Dawn il-konsegwenzi jista', barra minn hekk, ikollhom effett dissważiv kontra l-frodi [56].

93. Fir-raba' lok, fir-rigward tal-prinċipju taċ-ċertezza legali, huwa biżżejjed li jitfakkar li persuna li toħloq artifiċjalment jew tevadi l-kundizzjonijiet li jirrigwardaw il-ksib ta' vantaġġ li joħroġ mid-dritt tal-Unjoni ma hijiex iġġustifikata tinvoka dan il-prinċipju sabiex topponi t-telf tal-vantaġġ ikkonċernat b'applikazzjoni tal-prinċipju ta' projbizzjoni ta' prattiki frawdolenti jew abbużivi [57].

*e) Fuq id-dritt għal rimedju effettiv*

94. Fil-ħames lok u għall-kompletezza, fil-Kawża C-37/18, l-interpretazzjoni li nissuġġerixxi hija kkorroborata minn kunsiderazzjonijiet marbutin mal-protezzjoni ġudizzjarja effettiva li ħaddiem bħalma huwa J. Poignant għandu jkun jista' jibbenefika minnha f'każ ta' frodi mill-persuna li timpjegah.

95. F'dan ir-rigward, meta persuna li timpjega twettaq frodi permezz ta' ċertifikat E 101, hija ċċaħħad lill-ħaddiem ikkonċernat mill-kontribuzzjonijiet għall-iskema ta' sigurtà soċjali li magħha dan tal-aħħar kellu jkun imsieħeb, skont ir-regoli ta' kunflitt stabbiliti mil-leġiżlatur tal-Unjoni fir-Regolament Nru 1408/71. Sa fejn din il-leġiżlazzjoni tkun iktar favorevoli minn dik li magħha dan il-ħaddiem ġie indebitament miżmum minħabba l-manuvri frawdolenti tal-persuna li timpjegah, dan iwassal biex il-ħaddiem isofri dannu, li għalih huwa intitolat li jikseb kumpens. Fil-fehma tiegħi, dan jammonta għal qalba kurjuża tas-sitwazzjoni fejn il-ġurisprudenza dwar l-effett vinkolanti taċ-ċertifikat E 101, misluta mill-Qorti tal-Ġustizzja b'mod partikolari biex tipproteġi d-dritt għall-moviment liberu tal-ħaddiema, tkun tista' tirrestrinġi l-possibbiltà ta' tali azzjoni għad-danni.

96. Lil hinn minn din il-kunsiderazzjoni, nirrileva li ħaddiem ma għandux is-setgħa li jibda djalogu bejn l-istituzzjonijiet kompetenti, taħt l-Artikolu 84a(3) tar-Regolament Nru 1408/71, jew li jagħmel mod biex dan jinbeda. Għaldaqstant, kieku l-kompetenza tal-qorti tal-Istat Membru ospitanti biex tinjora ċertifikat E 101, li jintwera li nkiseb b'mod frawdolenti, fil-kuntest ta' azzjoni għad-danni simili, kellha tiddependi mit-twettiq ta' dan id-djalogu, dan iwassal biex jissuġġetta l-aċċess għall-qorti, ta' dak il-ħaddiem, għal rekwiżiti li fuqhom dan tal-aħħar ma għandu ebda influwenza. Tali riżultat, fil-fehma tiegħi, ma tantx huwa kompatibbli mad-dritt għal rimedju effettiv, kif previst fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

97. Ċertament, il-Kummissjoni sostniet waqt is-seduta, b'risposta għal domanda tal-Qorti tal-Ġustizzja, li l-ħaddiem ikun jista' jressaq azzjoni quddiem il-qrati tal-Istat Membru li jibagħtu (jew dak tal-istituzzjoni emittenti u dak fejn tinstab, fil-prinċipju, is-sede tal-persuna li timpjega), liema qrati jkunu pjenament kompetenti biex jinjoraw jew irendu invalidu ċ-ċertifikat E 101.

56 B'mod ġenerali, il-konstatazzjoni ta' frodi għandha, fost oħrajn, twassal għall-affiljazzjoni retroattiva tal-ħaddiema kkonċernati mal-iskema tas-sigurtà soċjali tal-Istat Membru ospitanti. Fil-preżent, ir-regolamenti ta' koordinazzjoni ma fihomx madankollu dispożizzjonijiet li jikkonċernaw ir-regolamentazzjoni tal-konsegwenzi finanzjarji ta' tali tibdil retroattiv, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet imħallsa indebitament mill-persuna li timpjega. Id-diffikultajiet li jiġġenera dan it-tibdil jistgħu madankollu jiġu solvuti b'soluzzjoni nnegozjata bejn istituzzjonijiet kompetenti, fi spirtu ta' kooperazzjoni. F'dan ir-rigward, inqis li meta l-qorti tal-Istat Membru ospitanti tikkonstata frodi f'deċiżjoni finali, l-istituzzjoni emittenti jkollha tislet il-konsegwenzi ta' dik id-deċiżjoni ġudizzjarja billi tirtira ċ-ċertifikati kontenzjużi u billi tinnegozja tali soluzzjoni. Fil-fatt, il-fiduċja reċiproka għandha tiffunzjona fiż-żewġ sensi (ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Altun *et* (C-359/16, EU:C:2017:850, punt 65)). Barra minn hekk, hemm mekkaniżmi intiżi li jiffaċilitaw is-soluzzjoni ta' dawn il-konsegwenzi finanzjarji li jinsabu previsti fil-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-[Regolament Nru 883/2004] u r-[Regolament Nru 987/2009] (COM(2016) 815 final), li għadha pendenti għall-adozzjoni.

57 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Novembru 2017, Cussens *et* (C-251/16, EU:C:2017:881, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata), kif ukoll il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Altun *et* (C-359/16, EU:C:2017:850, punt 66).

98. F'dan ir-rigward, nammetti li, b'mod ġenerali, id-dritt għal rimedju effettiv ma jiggarantixxix lill-individwu li jkun jista' jressaq it-talba tiegħu quddiem il-qorti tal-għażla tiegħu. Dak li huwa importanti, fil-prinċipju, huwa li xi mkien ikun jeżisti forum, li joffri l-garanziji marbutin mad-dritt għal smigħ xieraq, li quddiemu dak l-individwu jkun jista' jressaq l-azzjoni tiegħu [58].

99. Madankollu, jidhirli li ħaddiem, bħala l-parti dgħajfa fir-relazzjoni tal-impjieg, għandu jibbenefika minn *aċċess iffaċilitat* għall-qorti biex jinvoka d-drittijiet tiegħu kontra l-persuna li timpjegah. Din il-kunsiderazzjoni tingħaqad, fil-fehma tiegħi, mar-rekwiżiti imposti mid-dritt fundamentali għal rimedju effettiv.

100. Fuq dan il-punt, l-Artikolu 21 tar-Regolament Brussell Ia [59] huwa referenza rilevanti. Skont din id-dispożizzjoni, il-ħaddiem ċertament għandu l-għażla li jfittex lill-persuna li timpjegah quddiem il-qrati tal-Istat Membru li fih din tal-aħħar għandha s-sede tagħha. Madankollu, il-leġiżlatur tal-Unjoni ppermetta lill-ħaddiem fuq kollox li jressaq l-azzjoni tiegħu quddiem il-qorti tal-post li fih huwa jwettaq xogħlu, peress li dak il-forum huwa meqjus bħala idoneu, kemm f'termini ta' prossimità mat-tilwima kif ukoll fid-dawl tal-obbligu tal-protezzjoni tal-ħaddiem [60].

101. Jekk il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq l-effett vinkolanti taċ-ċertifikat E 101 tiġi estiża għal tali kuntest, dan iwassal, fil-prattika, biex il-ħaddiem jiġi mċaħħad mill-aħjar forum li jista' jaqta' l-kawża u li jipproteġi l-interessi tiegħu u li, fuq kollox, jidher li huwa l-uniku wieħed "realistiku" f'każ ta' frodi fiċ-ċertifikat E 101. Fil-fatt, huwa probabbli li n-nuqqas ta' għarfien tal-lingwa, tad-dritt lokali kif ukoll il-fatt li jkun bogħod mid-domiċilju tiegħu jġiegħlu lill-ħaddiem jirrinunzja milli jeżerċita d-drittijiet tiegħu quddiem il-qrati tal-Istat Membru li jibagħtu [61].

*f) Fuq il-limiti tal-interpretazzjoni li nipproponi*

102. Biex nagħlaq, irrid nenfasizza l-limiti tal-interpretazzjoni li qiegħed nipproponi. Din ma twassalx biex tiġi rrikonoxxuta s-setgħa ġenerali li jiġi kkontestat iċ-ċertifikat E 101 fl-Istat Membru ospitanti. Minn naħa, hija biss il-qorti ta' dak l-Istat li tista' tinjorah [62]. Min-naħa l-oħra, anki quddiem dik il-qorti, il-preżunzjoni tar-regolarità tal-affiljazzjoni li toħroġ miċ-ċertifikat ma tisparixxix. Minn inkonfutabbli hija ssir sempliċement ibrida: tista' tiġi kkonfutata bil-prova tal-frodi, mhux fis-sens tad-dritt nazzjonali, imma tad-dritt tal-Unjoni, li d-definizzjoni tagħha hija stretta. Fl-aħħar nett, kif indikajt matul din it-taqsima, iċ-ċertifikat E 101 jista' jiġi injorat abbażi mhux ta' sempliċi *suspetti* ta' frodi, imma ta' *provi li juru dan*, li jridu jiġu prodotti mill-individwi li jinvokaw l-eżistenza tal-frodi.

103. Fir-rigward tar-riskju ta' protezzjoniżmu, li jissemma xi drabi fid-duttrina, li ġġib magħha tali soluzzjoni, jien ser nillimita ruħi biex nenfasizza li l-Istati Membri għandu jkollhom fiduċja reċiproka fil-qrati tagħhom, li jaqdu, b'kollaborazzjoni mal-Qorti tal-Ġustizzja, funzjoni li ġiet assenjata lilhom b'mod konġunt, sabiex jiżguraw l-osservanza tad-dritt fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tat-Trattati. Qorti nazzjonali ma tistax għaldaqstant tkun is-suġġett ta' tali suspetti ta' protezzjoniżmu, peress li

58 Ara s-sentenza tal-21 ta' Ottubru 2015, Gogova (C-215/15, EU:C:2015:710, punti 45 u 46), kif ukoll Fawcett, J.J., "The impact of Article 6(1) of the ECHR on private international law", *International & Comparative Law Quarterly*, 2007, 56(1), p. 1.

59 Skont l-Artikolu 1(2)(ċ) tiegħu, is-sigurtà soċjali hija materja eskluża mir-Regolament Brussell Ia. Għaldaqstant, l-eventwali azzjoni tal-ħaddiem kontra l-istituzzjoni emittenti ma taqax taħt l-imsemmi regolament. Min-naħa l-oħra, din l-esklużjoni ma tapplikax għall-azzjoni għad-danni mibdija mill-ħaddiem kontra l-persuna li timpjegah anki jekk l-isfond tagħha huwa n-nuqqas ta' osservanza minn dan tal-aħħar tal-obbligu tiegħu fil-qasam tas-sigurtà soċjali (ara s-sentenza tal-14 ta' Novembru 2002, Baten (C-271/00, EU:C:2002:656, punt 48)).

60 Ara s-sentenzi tal-15 ta' Jannar 1987, Shenavai (266/85, EU:C:1987:11, punt 16), u tas-27 ta' Frar 2002, Weber (C-37/00, EU:C:2002:122, punt 40). Fuq dan il-punt, għandi l-inklinazzjoni nqis li, f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali, il-post abitwali tax-xogħol tal-ħaddiema kkonċernati ma jinsabx fl-Istat Membru li jibgħathom, iżda fl-Istat Membru ospitanti (ara punt 147 tal-konklużjonijiet preżenti).

61 Ara, b'analoġija fil-qasam tal-kompetenza territorjali fil-kuntest tal-protezzjoni tal-konsumaturi, is-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2000, Océano Grupo Editorial u Salvat Editores (C-240/98 sa C-244/98, EU:C:2000:346, punti 22 sa 24).

62 Ara, *a contrario*, hawnhekk ukoll, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-356/15, EU:C:2018:555, punt 105), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja kkundannat il-leġiżlazzjoni inkwistjoni minħabba t-tieni motiv li hija ma kinitx limitata biex tagħti biss lill-qorti nazzjonali s-setgħa li tikkonstata l-eżistenza ta' frodi u li, għal din ir-raġuni, tinjora d-dokument portabbli A1, iżda kienet tipprovdi din il-possibbiltà lill-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali lil hinn minn kull proċedura ġudizzjarja.

l-indipendenza tagħha għandha tippreżumi l-osservanza tal-oġġettività u n-nuqqas ta' kull interess fis-soluzzjoni tat-tilwima apparti l-applikazzjoni stretta tar-regola tad-dritt. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tiżgura b'mod attiv l-osservanza ta' din l-indipendenza[63]. Apparti dan, din tal-aħħar tkun tista' tivverifika, fil-kuntest tal-mekkaniżmu tar-rinviju preliminari, l-użu tajjeb tal-eċċezzjoni tal-frodi[64].

*g) Konklużjoni intermedja*

104. Dawn il-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jwassluni għaldaqstant għall-konklużjoni li l-qorti tal-Istat Membru ospitanti hija kompetenti sabiex tinjora ċertifikat E 101 li jinkiseb jew jiġi invokat b'mod frawdolenti. L-iżvolġiment tad-djalogu bejn l-istituzzjonijiet kompetenti, previst fl-Artikolu 84a(3) tar-Regolament Nru 1408/71 ma jaffettwax din il-kompetenza. Kemm jekk dan id-djalogu jkun għadu ma nbediex mill-istituzzjoni ta' dak l-Istat, kemm jekk ikun għadu pendenti, jew jekk l-istituzzjoni emittenti ma taqbilx mal-fehma tal-ewwel istituzzjoni, dik il-qorti għandha tinjora dak iċ-ċertifikat peress li fih elementi li juru l-frodi. Is-sentenza Altun ma tistax, fil-fehma tiegħi, tiġi interpretata bħala li tistabbilixxi kundizzjonijiet li jmorru kontra din l-interpretazzjoni.

*2. B'mod sussidjarju: fuq l-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet li jirrigwardaw l-iżvolġiment tad-djalogu bejn l-istituzzjonijiet kompetenti f'ċirkustanzi bħalma huma dawk tal-kawża prinċipali*

105. Infakkar li, skont il-qari tas-sentenza Altun li jissuġġerixxu b'mod partikolari Vueling, il-Gvern Ċek, l-Irlanda u l-Kummissjoni, il-qorti tal-Istat Membru ospitanti għandha l-kompetenza li tinjora ċertifikat E 101 fil-każ ta' frodi biss taħt il-kundizzjoni li l-awtoritajiet tal-Istat Membru ospitanti jkunu pproduċew quddiem l-istituzzjoni emittenti provi konkreti li jagħtu lil wieħed x'jifhem li dan iċ-ċertifikat inkiseb b'mod frawdolenti u li din l-aħħar istituzzjoni astjeniet milli tagħmel eżami mill-ġdid tal-imsemmi ċertifikat, fid-dawl ta' dawk il-provi, f'terminu raġonevoli.

106. Skonthom, dawn il-kundizzjonijiet ma humiex issodisfatti f'dan il-każ. L-awtoritajiet Franċiżi kien messhom interrogaw lill-istituzzjoni emittenti f'Mejju 2008, wara l-proċess verbal magħmul mill-ispettorat tax-xogħol. Issa, dawn ma għamluhx ħlief wara l-kundanna kriminali ta' Vueling mill-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi) tal-31 ta' Jannar 2012[65]. Skont din il-kumpannija, il-fatt li l-awtoritajiet Franċiżi, sussegwentement, kellhom komunikazzjonijiet ma' din l-istituzzjoni huwa irrilevanti. Il-Kummissjoni żżid tgħid li, peress li l-imsemmija istituzzjoni adottat deċiżjoni li tikkontempla ż-żamma fis-seħħ taċ-ċertifikati E 101 kontenzjużi[66], il-proċedura ta' kooperazzjoni kellha titkompla fil-forma ta' tentattiv ta' konċiljazzjoni quddiem il-Kummissjoni Amministrattiva.

63 Ara s-sentenzi tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses (C-64/16, EU:C:2018:117), u tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja) (C-216/18 PPU, EU:C:2018:586).

64 L-eventwali żbalji tal-qrati nazzjonali, jekk jitwettqu fl-aħħar istanza, jistgħu, mill-bqija, jiġu kkundannati permezz ta' azzjoni għad-danni (sentenza tat-30 ta' Settembru 2003, Köbler (C-224/01, EU:C:2003:513)) jew rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu (sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Il-Kummissjoni vs Franza (Taxxa minn ras il-għajn) (C-416/17, EU:C:2018:811)) kontra l-Istat Membru kkonċernat.

65 F'dan ir-rigward, il-Gvern Franċiż spjega, waqt is-seduta, li l-prattika segwita fiż-żmien tal-fatti kienet tikkonsisti, għall-ispettorat tax-xogħol, li jibagħtu l-proċessi verbali tagħhom dwar il-ksur kemm lill-Urssaf kompetenti kif ukoll lill-prosekutur. Meta dan tal-aħħar kien jibgħat lill-persuna li timpjega quddiem il-qorti kriminali, l-Urssaf kienet tistenna l-eżitu ta' din il-proċedura. F'każ ta' sentenza ta' kundanna, din l-istituzzjoni kienet tinforma lill-istituzzjoni emittenti. Fi kliem ieħor, l-awtoritajiet Franċiżi kienu jikkunsidraw li ma kienx hemm lok li jinformaw lill-istituzzjoni emittenti malli kienu jqumu d-dubji fir-rigward tal-validità ta' ċertifikat E 101, imma malli l-ksur tar-regoli tas-sigurtà soċjali kien jiġi stabbilit, b'mod kontradittorju, mill-qorti.

66 Vueling targumenta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li l-istituzzjoni emittenti kkonfermat il-fondatezza taċ-ċertifikati E 101 kontenzjużi. Nosserva madankollu li jirriżulta mid-deċiżjoni tal-5 ta' Diċembru 2014, li tagħha din il-kumpannija bagħtet traduzzjoni uffiċjali lill-Qorti tal-Ġustizzja, li din l-istituzzjoni kienet taqbel mal-evalwazzjoni tal-awtoritajiet Franċiżi fir-rigward tal-leġiżlazzjoni ta' sigurtà soċjali li kellha tiġi applikata għall-ħaddiema kkonċernati billi ċ-ċertifikati inkwistjoni nżammu biss għal raġunijiet ta' espedjenza (ara l-punti 27 u 28 ta' dawn il-konklużjonijiet). Madankollu, huma l-qrati tar-rinviju, li huma l-uniċi qrati li għandhom il-kompetenza jevalwaw il-fatti, li jivverifikaw dan.

107. Fil-fehma tiegħi, minn naħa, il-qorti tal-Istat Membru ospitanti ma tistax tkun imċaħħda mill-kompetenza tagħha biex tinjora ċertifikat E 101 miksub jew invokat b'mod frawdolenti sempliċement minħabba li hija kienet adita *qabel ma d-djalogu nbeda* mill-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, skont l-Artikolu 84a(3) tar-Regolament Nru 1408/71. Tali interpretazzjoni hija meħtieġa anki għaliex jista' jiġi ppreżentat rikors, kemm jekk kriminali jew ċivili, minn individwu, bħalma huwa J. Poignant, li ma għandu ebda kontroll fuq it-tnedija tad-djalogu bejn l-istituzzjonijiet kompetenti u lanqas għarfien fuq l-iżvolġiment tal-istess djalogu. Kif isostni l-Gvern Franċiż, sabiex l-istituzzjoni emittenti tkun permessa, skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, li tesprimi ruħha u, jekk ikun il-każ, tipproċedi biex tirtira ċ-ċertifikat E 101, huwa meħtieġ u suffiċjenti li dan id-djalogu jkun seħħ *qabel ma l-qorti tal-Istat Membru ospitanti tagħti deċiżjoni definittiva*.

108. Min-naħa l-oħra, dwar l-eżitu tad-djalogu, mill-interpretazzjoni li Vueling, il-Gvern Ċek, l-Irlanda, u l-Kummissjoni taw lis-sentenza Altun nifhem li l-qorti tal-Istat Membru ospitanti għandha kompetenza biex tinjora ċertifikat E 101 miksub jew invokat b'mod frawdolenti *jew* meta l-istituzzjoni emittenti ma tkunx eżaminat mill-ġdid il-fondatezza taċ-ċertifikat inkwistjoni u adottat deċiżjoni li tikkontempla ż-żamma fis-seħħ tiegħu jew l-irtirar tiegħu f'terminu raġonevoli, *inkella* meta dik l-istituzzjoni tkun adottat deċiżjoni simili f'tali terminu, imma hija ma tkunx ittrattat espressament, fil-motivazzjoni ta' dik id-deċiżjoni, l-elementi prodotti mill-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru ospitanti[67].

109. Issa, f'dan il-każ, minn naħa, l-istituzzjoni emittenti adottat l-ewwel deċiżjoni li tikkonċerna ċ-ċertifikati E 101 kontenzjużi sentejn wara t-talba inizjali tal-awtoritajiet Franċiżi, filwaqt li d-deċiżjoni finali tagħha ngħatat iktar minn sentejn u nofs wara dik it-talba[68]. Dawn id-deċiżjonijiet manifestament ma ngħatawx f'terminu raġonevoli[69]. Min-naħa l-oħra, l-istituzzjoni emittenti ma ttrattatx, fil-motivazzjoni ta' din id-deċiżjoni finali, il-provi mressqa mill-awtoritajiet Franċiżi li jikkonċernaw il-frodi, jiġifieri, b'mod partikolari, id-dikjarazzjonijiet ta' residenza foloz[70].

110. Għaldaqstant, jien tal-fehma li, f'ċirkustanzi bħalma huma dawk tal-kawża prinċipali, l-(eventwali) kundizzjonijiet dwar id-djalogu bejn l-istituzzjonijiet kompetenti għandhom jitqiesu bħala ssodisfatti.

### *C. Fuq il-kunċett ta' "frodi", fis-sens tad-dritt tal-Unjoni*

111. Id-domandi preliminari magħmula mill-qrati tar-rinviju huma bbażati fuq il-premessa li skontha Vueling wettqet frodi, li ġiet definittivament ikkonstatata mill-qorti kriminali Franċiża.

112. Madankollu, minn naħa, din il-premessa hija bbażata fuq il-kunċett ta' frodi *kif mifhum fid-dritt Franċiż*. F'dan il-kuntest, il-frodi hija kkaratterizzata mill-fatt tal-ksur intenzjonat ta' dan id-dritt. Issa, fis-sentenza Altun, il-Qorti tal-Ġustizzja riedet tagħti lill-frodi fil-qasam tas-sigurtà soċjali *tifsira awtonoma*. F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-konstatazzjoni ta' frodi hija bbażata fuq ġabra konkordanti ta' evidenza li tistabbilixxi l-unjoni ta' element oġġettiv u element suġġettiv. L-element oġġettiv jikkonsisti fil-fatt li l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-finijiet tal-kisba u

67 Infakkar li, fil-kawża li wasslet għas-sentenza Altun, l-istituzzjoni emittenti taċ-ċertifikati E 101 kienet irrispondiet lill-awtoritajiet tal-Istat Membru ospitanti. Din l-istituzzjoni, min-naħa l-oħra, ma kinitx ħadet inkunsiderazzjoni, fir-risposta tagħha, il-provi invokati minn dawn l-awtoritajiet.

68 Ara l-punti 27 u 28 ta' dawn il-konklużjonijiet.

69 Bħala eżempju, il-Kummissjoni tikkontempla, fil-proposta għal regolament attwalment iddibattuta quddiem il-leġiżlatur tal-Unjoni, li tagħti terminu ta' 25 jum tax-xogħol lill-istituzzjoni emittenti, b'effett mit-talba ta' istituzzjoni oħra, biex terġa' teżamina u, jekk ikun il-każ, tirrettifika jew tirtira ċertifikat E 101.

70 L-ittra tad-9 ta' Diċembru 2014 li għaliha hemm riferiment fil-punt 30 ta' dawn il-konklużjonijiet ċertament tindika li l-awtoritajiet Spanjoli ma kinux ikkonstataw intenzjoni frawdolenti. Din l-indikazzjoni, madankollu, ma tidhirx fid-deċiżjoni tal-5 ta' Diċembru 2014. Barra minn hekk, la din l-ittra u lanqas din id-deċiżjoni ma jiddiskutu l-provi mressqa f'dan ir-rigward mill-awtoritajiet Franċiżi.

tal-invokazzjoni ta' ċertifikat E 101, previsti fit-Titolu II tar-Regolament Nru 1408/71 ma humiex issodisfatti. L-element suġġettiv jikkorrispondi, min-naħa tiegħu, għall-intenzjoni tal-persuni kkonċernati li jevitaw jew jevadu l-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-imsemmi ċertifikat, fid-dawl tal-kisba tal-vantaġġ marbut miegħu[71].

113. Min-naħa l-oħra, il-premessa ta' frodi, fis-sens tad-dritt tal-Unjoni, hija kkontestata quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Vueling issostni li din ma hija preżenti fl-ebda waħda mill-provi tagħha. Il-Gvern Ċek huwa wkoll ta' din il-fehma, filwaqt li l-Kummissjoni għandha wkoll xi riżervi f'dan ir-rigward. Huma biss J. Poignant, iċ-CRPNPAC u l-Gvern Franċiż li jargumentaw li l-frodi ġiet inkontestabbilment (u definittivament) ipprovata f'dan il-każ.

114. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jeħtieġ, fil-fehma tiegħi, li jingħataw l-elementi kollha ta' interpretazzjoni utli li jikkonċernaw il-kunċett ta' "frodi", fis-sens tad-dritt tal-Unjoni, anki jekk sempliċement biex il-qrati tar-rinviju jkunu jistgħu jivverifikaw jekk l-elementi tal-imsemmi kunċett humiex issodisfatti f'dawn il-kawżi. Barra minn hekk, dawn il-preċiżazzjonijiet jeħtieġ li jingħataw minħabba ċ-ċertezza legali, sabiex jiġu evitati d-diverġenzi fl-evalwazzjonijiet u d-deċiżjonijiet kontradittorji fl-Istati Membri fir-rigward ta' dak li jikkostitwixxi prattika frawdolenti fil-qasam tas-sigurtà soċjali.

115. Għaldaqstant, jien ser neżamina l-interpretazzjoni tal-elementi oġġettivi (2) u suġġettivi (3) tal-frodi, fid-dawl taċ-ċirkustanzi inkwistjoni tal-kawża prinċipali. Jidhirli utli madankollu li jingħataw, b'mod preliminari, xi spjegazzjonijiet li jippermettu, fil-fehma tiegħi, li jinftiehem aħjar il-kuntest ġenerali li fih saru dawn il-kawżi (1).

*1. Fuq l-istruttura organizzattiva adottata mill-kumpanniji tal-ajru low cost u r-reazzjoni tal-leġiżlaturi Franċiżi u tal-Unjoni*

116. Skont l-istudji li stajt nikkonsulta, il-kumpanniji tal-ajru "storiċi" huma tradizzjonalment organizzati abbażi ta' mudell ta' trasport imsejjaħ "hub-and-spoke". F'dan ir-rigward, huma jkollhom bażi tal-operat (kultant diversi) jew ajruport prinċipali (hub) li minnu jiġu organizzati d-destinazzjonijiet (spokes) u li minnu jsiru t-titjiriet b'konnessjoni bejn dawn id-destinazzjonijiet. Din il-bażi tal-operat tiġbor fiha s-sede tal-kumpannija, il-flotta tal-ajruplani u tikkostitwixxi l-"bażi ta' residenza"[72] tal-membri tal-ekwipaġġ tal-ajru tagħha, jiġifieri l-ajruport li minnu dawn il-membri tal-ekwipaġġ jirċievu l-iskeda tat-titjiriet tagħhom, jibdew xogħolhom u fejn jispiċċawh. Min-naħa l-oħra, id-destinazzjonijiet huma kkostitwiti biss minn waqfa waħda.

117. Il-kumpanniji tal-ajru low cost, min-naħa tagħhom, adottaw progressivament mudell ieħor, imsejjaħ "point-to-point". Għalkemm dawn il-kumpanniji, ġeneralment, għandhom dejjem bażi tal-operat prinċipali li sservi ta' hub, huma jipprovdu essenzjalment konnessjonijiet relattivament qosra bejn żewġ destinazzjonijiet li jippermettu rotazzjonijiet multipli ta' ajruplani b'ritmu konsistenti. L-għan li jiġu ffaċilitati mill-aħjar dawn ir-rotazzjonijiet ħajjar lil dawn il-kumpanniji biex jallokaw b'mod fit-tul persunal u tagħmir fl-ajruporti li huma jservu u, f'dan il-kuntest, sabiex joħolqu bażijiet ġodda li jieħdu ċerta importanza b'mod progressiv fuq livell loġistiku u uman.

71 Sentenza Altun, punti 50 sa 52.

72 Dan il-kunċett kien iddefinit, fiż-żmien tal-fatti, fl-Anness III tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol 1, p. 348), kif emendat permezz tar-Regolament Nru 1899/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2006 (ĠU 2006, L 377, p. 1). Dan l-Anness III jiddefinixxi l-kunċett ta' "bażi ta' residenza" bħala "[i]l-post nominat mill-operatur lill-membru ta' l-ekwipaġġ li minnu l-membru ta' l-ekwipaġġ normalment jibda' u jispiċċa perjodu ta' dmir jew sensiela ta' perjodi ta' dmir u fejn, taħt kondizzjonijiet normali, l-operatur mhux responabbli għall-akkomodazzjoni tal-membru ta' l-ekwipaġġ konċernat". Dan il-kunċett huwa, f'dan il-kuntest, deċiżiv għall-applikazzjoni tar-regoli fil-qasam taż-żmien massimu tat-titjir u taż-żmien ta' mistrieħ obbligatorju. Il-bażi ta' residenza għandha għaldaqstant tkun magħżula għal kull membru tal-ekwipaġġ. L-imsemmi Anness III ġie ssostitwit f'żewġ okkażjonijiet, bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 8/2008, tal-11 ta' Diċembru 2007 (ĠU 2008, L 10, p. 1), u bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 859/2008, tal-20 ta' Awwissu 2008 (ĠU 2008, L 254, p. 1), mingħajr madankollu ma ġiet emendata din id-definizzjoni.

118. F'dan il-kuntest, ċerti kumpanniji low cost żviluppaw prattika li tikkonsisti f'li jirreklutaw ħaddiema li huma jallokaw fit-tul f'bażijiet tal-operat sekondarji li jkunu jinsabu fit-territorju ta' Stati Membri oħra, filwaqt li japplikawlhom id-dritt soċjali u d-dritt tas-sigurtà soċjali tal-Istat Membru tal-bażi tal-operat prinċipali tagħhom, bl-esklużjoni tar-regoli u tal-kontribuzzjonijiet previsti fl-Istati Membri li fihom ikunu jinsabu dawn il-bażijiet sekondarji. Għal dan il-għan, dawn l-istess kumpanniji għamlu b'mod partikolari użu tal-kollokament tal-ħaddiema, billi argumentaw li l-preżenza tagħhom fl-Istati Membri barra minn dawk tal-bażi tal-operat prinċipali tagħhom taqa' taħt il-libertà li jiġu pprovduti servizzi [73].

119. Il-leġiżlatur Franċiż ried jiġġieled din il-prattika billi ppreċiża dak li jikkostitwixxi, għal kumpannija tal-ajru, stabbiliment stabbli, skont definizzjoni viċina għal dik mogħtija lil dan il-kunċett fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex jiġġustifika l-applikazzjoni tad-dritt Franċiż skont l-Artikolu L. 1262-3 tal-code du travail (il-Kodiċi tax-Xogħol) [74]. Għal dan il-għan ġie adottat l-Artikolu R. 330-2-1 tal-code de l'aviation civile (il-Kodiċi tal-Avjazzjoni Ċivili), li jippreċiża li l-imsemmi artikolu L. 1262-3 japplika għall-impriżi ta' trasport bl-ajru skont il-"bażijiet tal-operat" li jinsabu fit-territorju Franċiż, fejn tali "bażi" hija ddefinita bħala li hija "numru ta' postijiet jew ta' infrastrutturi li minnhom l-impriża twettaq b'mod stabbli, abitwali u kontinwu attività ta' trasport bl-ajru permezz ta' impjegati li għandhom hemmhekk iċ-ċentru effettiv tal-attività professjonali tagħhom" [75]. F'dan il-każ, il-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi) ibbażat preċiżament is-sentenza tagħha tal-31 ta' Jannar 2012, li tikkundanna lil Vueling fil-kriminal, fuq dawn id-dispożizzjonijiet. Dik il-qorti eskludiet l-applikazzjoni tar-regoli tal-kollokament peress li dik il-kumpannija kellha, fi Roissy, tali "bażi" [76].

120. Il-leġiżlatur tal-Unjoni ħa wkoll konjizzjoni tal-prattika inkwistjoni. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, filwaqt li r-Regolament Nru 1408/71 jipprovdi, fl-Artikolu 14(2)(a) tiegħu, regoli speċjali għall-membri tal-ekwipaġġ tal-kumpanniji tal-ajru – li japplikaw *ratione temporis* għal din il-kawża u li ser nittrattahom iktar 'il quddiem – il-leġiżlatur tal-Unjoni ma kienx irriproduċa, fil-verżjoni inizjali tar-Regolament Nru 883/2004, dawn ir-regoli speċjali, u dan għal fini ta' simplifikazzjoni. Is-sitwazzjoni tal-membri tal-ekwipaġġ tal-ajru kellha għaldaqstant tiġi evalwata fid-dawl tar-regoli ġenerali dwar il-ħaddiema li jaħdmu f'żewġ Stati Membri jew iktar, li, meta jiġu applikati għall-membri tal-ekwipaġġ tal-ajru, kellhom it-tendenza jindikaw, ħafna mid-drabi, il-liġi tas-sede ta' persuna li timpjega. Madankollu, huwa ħataf l-okkażjoni bl-adozzjoni tar-Regolament Nru 465/2012 [77] biex jintroduċi fir-Regolament Nru 883/2004 regola speċjali ġdida, li tieħu l-forma ta' finzjoni legali li

73 Ara, għal iktar spjegazzjonijiet fid-dettall, Urban, Q., "Le droit individuel applicable au personnel d'une compagnie aérienne *low cost* à l'épreuve de son organisation en réseau", f'Lyon-Caen, A. u Urban, Q., *Le droit du travail à l'épreuve de la globalisation*, Dalloz, 2008, pp. 119 *et seq.*; Jorens, Y., *Fair aviation for all, a discussion on some legal issues*, ETF, Jannar 2019, speċjalment pp. 12, 13 u 19 sa 31; u r-rapport tal-Kummissjoni Ewropea lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, tal-1 ta' Marzu 2019, intitolat "Strateġija għall-Ewropa dwar l-Avjazzjoni: Iż-żamma u l-promozzjoni ta' standards soċjali għoljin" (COM (2019) 120 final). Ara wkoll, fuq is-suġġett, is-sentenza tal-14 ta' Settembru 2017, Nogueira *et* (C-168/16 u C-169/16, EU:C:2017:688).

74 Infakkar li dan l-artikolu jipprovdi, essenzjalment, li persuna li timpjega ma tistax tinvoka dispożizzjonijiet applikabbli għall-kollokament meta jkollha stabbiliment stabbli fit-territorju Franċiż. F'dawn il-konklużjonijiet, ma hijiex l-intenzjoni tiegħi li nieħu pożizzjoni fuq il-kompatibbiltà tal-imsemmi artikolu mad-dritt tal-Unjoni.

75 Fid-duttrina jiġi ssuġġerit ukoll li fir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi ta' l-ajru fil-Komunità (Riformulazzjoni) (ĠU 2008, L 293, p. 3) għandha tiżdied definizzjoni tal-kunċett ta' "bażi tal-operat" viċina għal dik prevista fid-dritt Franċiż ("*an airport at which the airline permanently bases aircraft and crew and from where it operates routes. Both fleet and personnel return to the base at the end of the day*") sabiex tiġi identifikata l-infrastruttura li minnha l-kumpannija tal-ajru twettaq l-attività tagħha b'mod stabbli u kontinwu, jiġifieri stabbiliment sekondarju li jaqa' taħt id-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-libertà ta' stabbiliment. Ara Jorens, Y., dokument iċċitat iktar 'il fuq, pp. 29 u 30.

76 Fil-fehma tiegħi, hija partikolarment ħasra li dik il-qorti ma mmotivatx id-deċiżjoni tagħha fir-rigward tar-Regolament Nru 1408/71. Minflok, hija rraġunat fid-dawl tad-dispożizzjonijiet nazzjonali (ħaġa li diġà, minnha nnifisha, hija tali li tqajjem dubji fir-rigward tal-osservanza tas-supremazija tad-dritt tal-Unjoni) li, skont il-fehim tiegħi, huma intiżi li jittrasponu d-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 1996, dwar l-istazzjonar ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol 2, p. 431, rettifika fil-ĠU 2015, L 16, p. 66). Għaldaqstant, dawn id-dispożizzjonijiet jaqgħu taħt id-*dritt tax-xogħol* u ma setgħux ikunu direttament rilevanti biex tiġi evalwata l-osservanza tar-regoli ta' *sigurtà soċjali* previsti f'dan ir-regolament. Il-kunċetti ta' kollokament u l-kundizzjonijiet li huma marbutin magħhom huma ċertament viċini, imma madankollu distinti f'dawn iż-żewġ strumenti. Għaldaqstant, għalkemm huma possibbli xi analoġiji fuq ċerti punti, wieħed ma jistax jikkunsidra minn qabel li s-soluzzjonijiet applikabbli f'qasam wieħed huma awtomatikament trasponibbli għall-ieħor.

77 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 li jemenda r-Regolamenti Nri 883/2004 u 987/2009 (ĠU 2012, L 149, p. 4).

skontha l-attività tal-membri tal-ekwipaġġ tal-ajru *titqies li tkun saret biss fl-Istat Membru tal-bażi ta' residenza tagħha*, finzjoni li tinvolvi għaldaqstant l-applikazzjoni tal-liġi ta' dak l-Istat skont il-*lex loci laboris*[78]. Fi kliem ieħor, il-"bażi ta' residenza" saret il-kriterju ta' rabta fil-qasam tas-sigurtà soċjali għall-membri tal-ekwipaġġ tal-kumpanniji tal-ajru.

*2. Fuq l-element oġġettiv tal-frodi*

121. Infakkar li l-element oġġettiv tal-frodi qiegħed fil-fatt li l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-finijiet tal-ksib u tal-invokazzjoni ta' ċertifikat E 101 ma humiex issodisfatti.

122. Fil-każ ineżami, għandu jiġi ċċarat mill-ewwel punt li jirrigwarda l-bażi legali li abbażi tagħha ċ-ċertifikati E 101 kontenzjużi nħarġu mill-istituzzjoni emittenti. Fil-fatt, tali ċertifikat, fi kwalunkwe każ, jista' jipprova biss l-osservanza tal-kundizzjonijiet previsti fid-dispożizzjoni li abbażi tagħha huwa nħareġ[79].

123. F'dan ir-rigward, il-Cour de cassation, chambre sociale (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Awla Industrijali), tindika fid-deċiżjoni tar-rinviju tagħha u fl-ewwel domanda tagħha fil-Kawża C-37/18 li dawn iċ-ċertifikati nħarġu abbażi tal-Artikolu 14(1)(a) tar-Regolament Nru 1408/71 u tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 574/72, jiġifieri tar-regoli applikabbli għall-kollokament tal-ħaddiema.

124. Min-naħa l-oħra, it-tribunal de grande instance de Bobigny (il-Qorti Reġjonali ta' Bobigny) tħalli lil wieħed x'jifhem, fid-deċiżjoni tar-rinviju tagħha fil-Kawża C-370/17, li l-imsemmija ċertifikati fil-fatt inħarġu taħt l-Artikolu 14(2)(a) tar-Regolament Nru 1408/71 u l-Artikolu 12a(1a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 574/72, jiġifieri r-regoli applikabbli għall-persunal tal-ivvjaġġar jew tat-titjir tal-impriżi tat-trasport internazzjonali. L-ewwel domanda ta' din il-qorti ddaħħal id-dubju, meta tindika li dawn l-istess ċertifikati kienu nħarġu "konformement" mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11(1) u 12a(1a) tar-Regolament Nru 574/72, kemm fir-rigward tar-regoli tal-kollokament kif ukoll tar-regoli applikabbli għall-persunal tal-ivvjaġġar jew tat-titjir.

125. Fir-realtà, kif jirriżulta mill-proċess li għandha quddiemha l-Qorti tal-Ġustizzja, u kif tindika l-Cour de cassation, chambre sociale (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Awla Industrijali), iċ-ċertifikati E 101 kontenzjużi kienu fil-fatt intalbu minn Vueling u nħarġu mill-istituzzjoni emittenti fuq is-(sempliċi) bażi tar-regoli applikabbli għall-kollokament tal-ħaddiema. Għaldaqstant, jien ser nipproċedi abbażi ta' din il-premessa f'dawn il-konklużjonijiet. Huwa l-obbligu tat-tribunal de grande instance de Bobigny (il-Qorti Reġjonali ta' Bobigny), li hija l-unika qorti li għandha l-kompetenza tevalwa l-fatti, li tivverifika dan għaliha[80].

126. B'dan ippreċiżat, ser nispjega għaliex iċ-ċertifikati E 101 ma setgħux jinħarġu validament abbażi tar-regoli applikabbli għall-kollokament tal-ħaddiema fiċ-ċirkustanzi bħalma huma dawk tal-kawża prinċipali (a). Imbagħad ser nispjega għaliex il-ħaddiema kkonċernati lanqas ma setgħu jitqiegħdu jew jinżammu taħt il-leġiżlazzjoni tas-sede tal-persuna li timpjegahom skont ir-regoli applikabbli għall-persunal tal-ivvjaġġar jew tat-titjir (b).

78 Ara l-Artikolu 11(5) tar-Regolament Nru 883/2004 kif emendat permezz tar-Regolament Nru 465/2012.

79 Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża A-Rosa Flussschiff (C-620/15, EU:C:2017:12, punt 35).

80 L-ispjegazzjonijiet mogħtija mit-tribunal de grande instance de Bobigny (il-Qorti Reġjonali ta' Bobigny) u l-formulazzjoni tal-ewwel domanda minn dik il-qorti jfakkru fl-argument ta' Vueling. Fil-fatt, fl-osservazzjonijiet tagħha quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, din il-kumpannija, filwaqt li sostniet li l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 14(1)(a) tar-Regolament Nru 1408/71 kienu f'dan il-każ issodisfatti, tafferma li ċ-ċertifikati E 101 kontenzjużi nħarġu taħt l-Artikolu 14(2)(a) ta' dan ir-regolament u tal-punt 1a tal-Artikolu 12a tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 574/72.

*a) Fuq in-nuqqas ta' applikabbiltà tal-Artikolu 14(1)(a) tar-Regolament Nru 1408/71 għall-ekwipaġġ tal-ajru tal-kumpanniji tal-ajru li jwettqu trasport internazzjonali*

127. Vueling targumenta li r-regoli relattivi għall-kollokament tal-ħaddiema previsti fl-Artikolu 14(1)(a) tar-Regolament Nru 1408/71 u fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 574/72 jistgħu japplikaw għall-ekwipaġġ tal-ajru ta' kumpannija tal-ajru li twettaq, bħalha, trasport internazzjonali tal-passiġġieri.

128. Madankollu, fil-fehma tiegħi, kif argumenta r-rappreżentant ta' J. Poignant u taċ-CRPNPAC waqt is-seduta, l-ekwipaġġ tal-ajru ta' kumpannija tal-ajru simili jaqa' taħt l-Artikolu 14(2)(a) tar-Regolament Nru 1408/71 u ma jistax ikun "ikkollokat" fi Stat Membru taħt l-Artikolu 14(1)(a) ta' dan ir-regolament.

129. Din l-interpretazzjoni toħroġ, *l-ewwel nett*, mill-istruttura tar-Regolament Nru 1408/71. Ir-regoli tal-kollokament u dawk applikabbli għall-persunal tal-ivvjaġġar u tat-titjir tal-impriżi ta' trasport internazzjonali jikkostitwixxu, kif tindika l-ewwel parti tal-Artikolu 14 ta' dan ir-regolament, żewġ eċċezzjonijiet għall-prinċipju tal-*lex loci laboris* stabbilit fl-Artikolu 13(2)(a) tal-imsemmi regolament. L-istruttura tal-Artikolu 14 u r-relazzjoni tiegħu mal-Artikolu 13 jenfasizzaw li l-ewwel eċċezzjoni ma hijiex intiża li tiġi invokata biex issir deroga mit-tieni waħda.

130. L-imsemmija interpretazzjoni hija meħtieġa, *imbagħad*, fid-dawl tal-formulazzjoni stess tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament Nru 1408/71, moqri fid-dawl tal-kuntest ġenerali li fih jinsabu dawn id-dispożizzjonijiet. Infakkar li l-Artikolu 14(1)(a) ta' dan ir-regolament jikkontempla "[p]ersuna impjegata fit-territorju *ta' Stat Membru* […] li tkun ippostjata [ikkollokata] […] fit-territorju *ta' Stat ieħor*". Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 14(2)(a) tal-imsemmi regolament jikkontempla s-sitwazzjoni ta' ħaddiema meqjusa li jaħdmu bħala impjegati, kif tindika l-intestatura tal-ewwel parti ta' dan il-paragrafu, "fit-territorju ta' *żewġ Stati Membri jew iktar*" [81].

131. F'dan ir-rigward, għalkemm il-kunċett ta' "kollokament" fis-sens tal-Artikolu 14(1)(a) tar-Regolament Nru 1408/71 ma huwiex iddefinit f'dan ir-regolament, il-kundizzjonijiet previsti minn din id-dispożizzjoni jirriflettu l-idea ta' ħaddiem sedentarju, li jwettaq xogħlu b'mod abitwali fi Stat Membru, li jintbagħat temporanjament fi Stat Membru ieħor u li fl-aħħar jirritorna fl-ewwel Stat Membru. Issa, il-persunal tal-ekwipaġġ tal-ajru ta' kumpannija tal-ajru, impjegat abbord l-ajruplani intiżi għal titjiriet internazzjonali, ma jistax jaqa' taħt tali skema, fin-nuqqas ta' rabta mat-territorju *ta' Stat Membru* fejn normalment isir ix-xogħol. Għal dak l-ekwipaġġ, li ipotetikament huwa mobbli, it-twettiq tax-xogħol f'*diversi Stati Membri* jikkostitwixxi aspett normali tal-modalitajiet tax-xogħol [82]. Dan il-kuntest jiġġustifika li l-leġiżlatur tal-Unjoni pprovda, fl-imsemmi regolament, kriterji ta' rabta speċifika għal dan l-istess persunal [83].

81 Dispożizzjonijiet enfasizzati minni.

82 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Marzu 2015, Kik (C-266/13, EU:C:2015:188, punt 59).

83 Ara, fl-istess sens, Gamet, L., "Personnel des aéronefs et lois sociales françaises: les compagnies *low cost* dans les turbulences du droit social français", *Droit social*, 2012, p. 502, u, b'analoġija, għal dak li jikkonċerna l-persunal tal-ivvjaġġar, Lhernould, J. F. u Palli, B., "Le statut social du chauffeur routier international à la lumière des dernières propositions législatives communautaires", *Droit social*, 2017, p. 1057.

132. *Fl-aħħar nett*, l-Artikolu 14(1)(a) tar-Regolament Nru 1408/71 għandu, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, minħabba n-natura derogatorja tiegħu, jiġi interpretat b'mod strett[84]. Din id-dispożizzjoni ma tistax għaldaqstant tiġi applikata *b'analoġija* għall-persunal tal-ivvjaġġar jew tat-titjir li jaqa' taħt il-paragrafu 2(a) ta' dan l-artikolu[85].

*b) Fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 14(2)(a) tar-Regolament Nru 1408/71 fiċ-ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali*

133. Fil-fehma tiegħi, il-konstatazzjoni li ċ-ċertifikati E 101 kontenzjużi ma setgħux validament jinħarġu abbażi tad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-kollokament tal-ħaddiema tista', minnha nnifisha, tikkaratterizza l-element oġġettiv tal-frodi.

134. B'dan premess, peress li l-Artikolu 14(2)(a) tar-Regolament Nru 1408/71 jipprevedi, fil-prinċipju, l-applikazzjoni tal-liġi tal-Istat Membru tas-sede tal-persuna li timpjega u li ċ-ċertifikati E 101 setgħu, *ipotetikament*, jinħarġu skont din id-dispożizzjoni, jidhirli opportun, biex nevita kull akkuża ta' formaliżmu, li nispjega għaliex ċertifikati simili ma setgħux lanqas jinħarġu validament mill-istituzzjoni emittenti skont din id-dispożizzjoni.

135. F'dan ir-rigward, infakkar li, għalkemm l-Artikolu 14(2)(a) tar-Regolament Nru 1408/71 jipprevedi, fil-prinċipju, l-applikazzjoni tal-liġi tas-sede tal-persuna li timpjega, din id-dispożizzjoni tirriżerva wkoll l-applikazzjoni ta' ċerti eċċezzjonijiet. B'mod partikolari, il-punt (i) tiegħu jipprovdi li "fejn l-imsemmija impriża jkollha fergħa jew rappreżentazzjoni [rappreżentanza] permanenti fit-territorju ta' Stat Membru għajr dak li fih għandha l-uffiċċju reġistrat jew il-post tan-negozju, persuna impjegata minn tali fergħa jew rappreżentazzjoni permanenti tkun suġġetta għal-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu rinsab it-tali fergħa jew rappreżentazzjoni permanenti".

136. Skont din il-formulazzjoni, hemm żewġ kundizzjonijiet kumulattivi li għandhom ikunu ssodisfatti biex din ir-regola tapplika għal ħaddiem: minn naħa, trid tkun teżisti l-"fergħa jew rappreżentazzjoni [rappreżentanza] permanenti" ta' persuna li timpjega fi Stat Membru barra minn dak tas-sede tiegħu; min-naħa l-oħra, dak il-ħaddiem irid ikun "impjegat" minn dik l-entità.

137. F'dan ir-rigward, għal dak li jikkonċerna l-ewwel waħda minn dawn il-kundizzjonijiet, id-dibattiti li nżammu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-eżistenza ta' "fergħa jew rappreżentazzjoni [rappreżentanza] permanenti" fiċ-ċirkustanzi inkwistjoni fil-kawża prinċipali jirriflettu, fil-fehma tiegħi, l-ispjegazzjonijiet li jinsabu fil-punti 117 sa 119 ta' dawn il-konklużjonijiet. Fil-fatt, Vueling targumenta li, fiż-żmien tal-fatti, hija llimitat ruħha biex tagħmel, b'mod esperimentali, titjiriet regolari bejn diversi bliet Spanjoli u Pariġi f'ħinijiet li jinvolvu li ċerti ajruplani jieqfu stazzjonati, bejn żewġ titjiriet, billejl, fuq it-tarmak fl-ajruport Paris-Charles-de-Gaulle. B'dan il-mod, hija tiċħad l-idea li hija kellha tali entità jew kull forma oħra ta' stabbiliment sekondarju f'dak l-ajruport u, essenzjalment, tinvoka l-eżerċizzju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

138. Madankollu, l-eżistenza ta' "fergħa jew [ta'] rappreżentazzjoni [rappreżentanza] permanenti" fis-sens tal-Artikolu 14(2)(a)(i) tar-Regolament Nru 1408/71, f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawżi prinċipali, ftit li xejn toħloq dubju f'għajnejja.

84 Ara, b'analoġija, is-sentenza tas-6 ta' Settembru 2018, Alpenrind *et* (C-527/16, EU:C:2018:669, punt 95).

85 Madankollu nippreċiża li, peress li l-Artikolu 14(2)(a) tar-Regolament Nru 1408/71 jirrigwarda biss l-ekwipaġġ tal-ajru li jkun impjegat fit-territorju ta' żewġ Stati Membri jew iktar, dan ma japplikax għall-ħaddiema li jagħmlu biss rotot interni. F'dan il-każ, ir-regola tal-prinċipju tal-*lex loci laboris* li tinsab fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament Nru 1408/71 għandha tapplika (ara, fuq dan is-suġġett, il-kawża li wasslet għas-sentenza tas-27 ta' April 2017, A-Rosa Flussschiff (C-620/15, EU:C:2017:309)) u l-ħaddiema kkonċernati jkunu jistgħu jibbenefikaw mir-regoli tal-kollokament. Madankollu, dan il-każ ma jirrigwardax din il-konfigurazzjoni partikolari, peress li l-ekwipaġġ tal-ajru ta' kumpannija tal-ajru li jwettaq trasport internazzjonali huwa intiż li jaħdem b'mod abitwali f'ajruplani b'destinazzjoni għal diversi Stati Membri. Barra minn hekk, nosserva li s-soluzzjoni tista' tkun differenti taħt l-Artikolu 11(5) tar-Regolament Nru 883/2004, kif emendat bir-Regolament Nru 465/2012. Fil-fatt, fil-kuntest tal-finzjoni legali prevista hemmhekk, l-attività tal-ekwipaġġ tal-ajru ma tibqax meqjusa bħala li titwettaq f'diversi Stati Membri, imma titqies li ssir biss fl-Istat tal-bażi tar-residenza (ara l-punt 120 ta' dawn il-konklużjonijiet).

139. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-imsemmi kunċett ta' "fergħa jew rappreżentazzjoni [rappreżentanza] permanenti" ma huwiex iddefinit minn dan ir-regolament, li lanqas ma jagħmel riferiment għad-dritt tal-Istati Membri f'dan il-qasam. Għaldaqstant, dan għandu jirċievi interpretazzjoni awtonoma, li għandha tiġi stabbilita skont is-sens abitwali ta' dan fil-lingwaġġ ta' kuljum, filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni l-kuntest li fih jintuża l-kliem u l-għanijiet segwiti permezz tal-leġiżlazzjoni li huwa jagħmel parti minnha [86].

140. Fis-sens abitwali tagħha, il-kelma "fergħa" tirreferi għal forma ta' stabbiliment sekondarju (kontra stabbiliment prinċipali tal-impriża) li ma għandux personalità ġuridika għalih (kontra ta' sussidjarja) u li għandu ċerta awtonomija. It-terminoloġija "rappreżentazzjoni [rappreżentanza] permanenti" tirrifletti realtà viċina, li timplika entità stabbli li taġixxi f'isem u fl-interess ta' stabbiliment prinċipali.

141. Fir-rigward tal-kuntest u l-għanijiet imfittxija mir-Regolament Nru 1408/71, peress li dan huwa kemm strument li jaqa' fil-kuntest tas-suq intern kif ukoll strument tad-dritt internazzjonali privat, id-definizzjonijiet mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja lill-kunċetti viċini f'dawn l-oqsma jipprovdu indikazzjonijiet rilevanti. F'dan ir-rigward, minn naħa, infakkar li skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fergħa kkostitwita fi Stat Membru minn kumpannija li taqa' taħt id-dritt ta' Stat Membru ieħor tikkostitwixxi forma ta' stabbiliment sekondarju, li taqa' taħt l-Artikolu 49 TFUE [87]. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-kunċett ta' "stabbiliment" jimplika infrastruttura li tippermetti li attività professjonali titwettaq fuq bażi stabbli u kontinwa, u permezz tal-imsemmija infrastruttura, li tapplika, *inter alia*, għaċ-ċittadini tal-Istati Membru inkwistjoni [88]. Min-naħa l-oħra, hemm realtà analoga li tinstab fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonċerna l-kunċett ta' "fergħa, aġenzija jew stabbiliment ieħor" li jinsab fil-punt 5 tal-Artikolu 7 tar-Regolament Brussell Ia, li timplika ċentru ta' operazzjonijiet li għandu l-apparenza ta' permanenza, bħala l-estensjoni tal-istabbiliment omm, li jkollu korp ta' tmexxija u għandu jkun mgħammar materjalment b'mod li jkun jista' jinnegozja ma' terzi [89].

142. Minn dawn l-elementi kollha jirriżulta li l-"fergħa jew rappreżentazzjoni [rappreżentanza] permanenti" fis-sens tal-Artikolu 14(2)(a)(i) tar-Regolament Nru 1408/71, hija forma ta' stabbiliment sekondarju, li jippreżenta element ta' stabbiltà, li jeżerċita attività ekonomika ddirezzjonata lejn l-estern u li jkollu, għal dan il-għan, mezzi materjali u umani organizzati, u ċerta awtonomija meta mqabbel mal-istabbiliment prinċipali tal-persuna li timpjega.

143. Fil-qasam tat-trasport bl-ajru, jidhirli, l-istess bħall-Cour de cassation, chambre sociale (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Awla Industrijali) [90], li r-realtà milquta mill-imsemmi kunċett ta' "fergħa jew rappreżentanza permanenti" titħallat ħafna, jekk mhux kompletament, ma' bażi tal-operat, kif iddefinit b'mod partikolari fid-dritt Franċiż [91]. F'dan ir-rigward, infakkar li "bażi" simili timplika "numru ta' postijiet jew infrastrutturi li minnhom l-impriża twettaq b'mod stabbli, abitwali u kontinwu attività ta' trasport bl-ajru permezz ta' impjegati li għandhom hemmhekk iċ-ċentru effettiv tal-attività professjonali tagħhom".

86 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-22 ta' Marzu 2018, Anisimovienė *et* (C-688/15 u C-109/16, EU:C:2018:209, punt 89 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

87 Ara s-sentenzi tad-9 ta' Marzu 1999, Centros (C-212/97, EU:C:1999:126, punti 17 sa 21), u tas-26 ta' Settembru 2013, Texdata Software (C-418/11, EU:C:2013:588, punt 63).

88 Ara s-sentenzi tat-30 ta' Novembru 1995, Gebhard (C-55/94, EU:C:1995:411, punt 28), u tal-11 ta' Diċembru 2003, Schnitzer (C-215/01, EU:C:2003:662, punt 32).

89 Ara s-sentenzi tat-22 ta' Novembru 1978, Somafer (33/78, EU:C:1978:205, punt 12), u tal-11 ta' April 2019, Ryanair (C-464/18, EU:C:2019:311, punt 33).

90 Ara l-punt 41 ta' dawn il-konklużjonijiet.

91 Ara, għal din id-definizzjoni, il-punt 119 ta' dawn il-konklużjonijiet.

144. Issa, il-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi), fis-sentenza tagħha tal-31 ta' Jannar 2012 li kkundannat lil Vueling fil-kriminal, stabbilixxiet, fid-dawl taċ-ċirkustanzi imsemmija fil-punti 19, 21 u 24 ta' dawn il-konklużjonijiet, li din il-kumpannija tal-ajru kellha, fi Roissy, tali bażi. B'riżerva għall-verifiki mill-qrati tar-rinviju, li huma l-uniċi qrati li għandhom il-kompetenza li jevalwaw il-fatti, il-klassifikazzjoni bħala "fergħa jew rappreżentanza permanenti", fis-sens tal-Artikolu 14(2)(a)(i) tar-Regolament Nru 1408/71, tinsab stabbilita fil-fehma tiegħi [92].

145. Fir-rigward tat-tieni kundizzjoni li tirriżulta minn din id-dispożizzjoni, li tipprovdi li l-ħaddiem ikkonċernat għandu jkun "impjegat[...] minn" fergħa jew rappreżentanza tal-persuna li timpjega, Vueling argumentat li dan ma setax ikun il-każ għall-ħaddiema "kkollokati" mal-bażi tagħha fi Roissy (li tagħha, infakkar, li hija tikkontesta l-eżistenza) peress li din ma kellhiex l-awtorità li tikkaratterizza lil persuna li timpjega jew kompetenza fil-qasam tal-ġestjoni tal-ekwipaġġ tal-ajru, peress li din l-amministrazzjoni dejjem kienet tas-sede f'Barcelona. Madankollu, anki hawnhekk, ma tantx hemm dubju, fil-fehma tiegħi, li din il-kundizzjoni hija ssodisfatta f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

146. F'dan ir-rigward, nirrileva li, filwaqt li r-regola tal-prinċipju ta' *lex loci laboris*, prevista fl-Artikolu 13(2)(a) tar-Regolament Nru 1408/71, hija intiża li tiggarantixxi l-ugwaljanza fit-trattament tal-ħaddiema kollha impjegati fit-territorju tal-istess Stat Membru [93], ir-regoli previsti fl-Artikolu 14(2)(a) ta' dan ir-regolament jirriflettu x-xewqa, min-naħa tagħhom, fin-nuqqas li wieħed jkun jista' jidentifika territorju wieħed li fih titwettaq l-attività professjonali, li jiġu stabbiliti kriterji ta' rabta li jindikaw il-liġi l-iktar qrib il-ħaddiem, skont il-prinċipju ta' prossimità li huwa normali fid-dritt internazzjonali privat. Għaldaqstant, meta l-ħaddiem ikun impjegat minn fergħa jew minn rappreżentanza permanenti tal-persuna li timpjega, il-liġi tal-Istat Membru li fih tkun tinsab dik l-entità tapplika minħabba li dik il-liġi titqies iktar qrib il-ħaddiem ikkonċernat minn dik tal-Istat tas-sede tal-persuna li timpjega [94].

147. Fir-rigward tal-implikazzjonijiet ta' dan il-prinċipju ta' prossimità, huwa possibbli li wieħed juża r-raġunament b'analoġija tal-ġurisprudenza dwar id-dritt internazzjonali privat tax-xogħol. F'dak il-qasam, ilu li ġie aċċettat li r-relazzjoni ta' impjieg hija, bħala regola ġenerali, marbuta mill-qrib ma', minn naħa, il-liġi u, min-naħa l-oħra, il-qorti tal-*post fejn il-ħaddiem iwettaq effettivament l-attivitajiet tiegħu* [95]. Meta ħaddiem iwettaq l-attività tiegħu f'diversi postijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, b'mod partikolari fis-sentenza Nogueira *et* [96], li tikkonċerna preċiżament l-ekwipaġġ tal-ajru, li r-relazzjoni ta' impjieg kellha rabta sinjifikattiva mal-*post li minnu* l-ħaddiem iwettaq prinċipalment l-obbligi tiegħu fil-konfront tal-persuna li timpjegah, li jikkorrispondi mal-post li fih huwa jirċievi l-istruzzjonijiet dwar il-missjonijiet tiegħu u jorganizza xogħlu, li minnu l-ħaddiem jibda jwettaq dawn il-missjonijiet u li fih huwa jirritorna wara l-kompiti tiegħu. F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li dan il-post jikkoinċidi, għal dan l-istess ekwipaġġ tal-ajru, u sakemm ma jkunx hemm indizji kuntrarji, mal-"bażi ta' residenza" tagħha [97].

92 Differenza bejn il-kunċetti ta' "fergħa jew rappreżentanza permanenti" u "bażi tal-operat" tista' eventwalment tkun fir-rekwiżit tal-awtonomija, ikkontemplat fl-ewwel kunċett, imma li ma jidhirx li joħroġ, mill-bidu, mit-tieni wieħed. Fi kwalunkwe każ, huwa paċifiku li l-bażi li kellha Vueling fi Roissy kellha direttur u rappreżentant legali, b'mod li ma huwiex meħtieġ li din il-kwistjoni tiġi approfondita f'dawn il-kawżi.

93 Ara, b'analoġija, is-sentenza tas-6 ta' Settembru 2018, Alpenrind *et* (C-527/16, EU:C:2018:669, punt 98).

94 Ara Omarjee, I., *Droit européen de la protection sociale*, Larcier, Edizzjoni 1, 2018, pp. 223 *et seq.*

95 Ara s-sentenzi tas-26 ta' Mejju 1982, Ivenel (133/81, EU:C:1982:199, punti 15 u 20), u tal-15 ta' Jannar 1987, Shenavai (266/85, EU:C:1987:11, punt 16).

96 Sentenza tal-14 ta' Settembru 2017 (C-168/16 u C-169/16, EU:C:2017:688). Ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawżi magħquda Nogueira *et* (C-168/16 u C-169/16, EU:C:2017:312).

97 Ara s-sentenza tal-14 ta' Settembru 2017, Nogueira *et* (C-168/16 u C-169/16, EU:C:2017:688, punti 61, 63 u 77). Ara, fuq il-kunċett ta' "bażi ta' residenza" u l-użu tiegħu fid-dritt tal-Unjoni, il-punti 116 u 120 ta' dawn il-konklużjonijiet.

148. Traspost għall-Artikolu 14(2)(a)(i) tar-Regolament Nru 1408/71, dan ir-raġunament jimplika li, għall-iskopijiet tal-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, huwa biżżejjed li jiġi vverifikat jekk il-ħaddiem iwettaqx l-attività tiegħu *fil-*, jew *mill-*fergħa jew rappreżentanza permanenti tal-persuna li timpjega. Fir-rigward tal-ekwipaġġ tal-ajru, dan huwa l-każ, bħala regola ġenerali, jekk il-"bażi ta' residenza" tagħha tkun tinsab hemmhekk, ħaġa li tidher li hija l-każ fil-kawżi prinċipali, fid-dawl taċ-ċirkustanzi deskritti fil-punti 19 u 21 ta' dawn il-konklużjonijiet. Madankollu, anki hawnhekk, huma l-qrati tar-rinviju li jridu jivverifikaw dan.

*3. Fuq l-element suġġettiv tal-frodi*

149. Sabiex jiġi konkluż li teżisti frodi, jeħtieġ, kif indikajt preċedentement, li jiġi stabbilit li l-persuna kkonċernata kellha *l-intenzjoni* li tevadi jew tevita l-kundizzjonijiet għall-ħruġ taċ-ċertifikat E 101, sabiex tikseb il-vantaġġ li huwa marbut miegħu. Fil-każ ineżami, Vueling issostni li ma kien hemm ebda tentattiv ta' ħabi min-naħa tagħha, peress li hija ddikjarat il-kollokament tal-ħaddiema tagħha lill-awtoritajiet Franċiżi u talbet l-estensjoni ta' dan il-kollokament quddiem l-istituzzjoni Franċiża kompetenti.

150. Ma huwiex l-obbligu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tistabbilixxi jekk il-prova ta' tali intenzjoni frawdolenti min-naħa ta' Vueling hijiex stabbilita fiċ-ċirkustanzi inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Madankollu, jeħtieġ li jiġu pprovduti lill-qrati tar-rinviju, fid-dawl tal-imsemmija ċirkustanzi, l-elementi ta' interpretazzjoni kollha tad-dritt tal-Unjoni li jistgħu jgħinuhom jagħtu deċiżjoni.

151. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar l-ewwel nett li l-prova ta' intenzjoni frawdolenti tista' tirriżulta minn azzjoni volontarja, bħalma hija l-preżentazzjoni żbaljata tas-sitwazzjoni reali ta' ħaddiem ikkollokat jew tal-impriża li kkollokat lil dan il-ħaddiem, jew ta' ommissjoni volontarja, bħalma hija d-dissimulazzjoni ta' informazzjoni rilevanti [98]. Fil-fehma tiegħi, in-natura volontarja tal-azzjoni jew tal-ommissjoni inkwistjoni tista' tkun dedotta minn ċirkustanzi fattwali oġġettivi [99]. F'dan il-kuntest, ser nagħmel żewġ osservazzjonijiet addizzjonali.

152. *Fl-ewwel lok*, il-fatt, għal kumpannija tal-ajru li taħdem fit-trasport internazzjonali tal-passiġġieri, li talbet il-ħruġ ta' ċertifikati E 101 taħt l-Artikolu 14(1)(a) tar-Regolament Nru 1408/71 biex tibgħat lill-ekwipaġġ tal-ajru tagħha f'fergħa fi Stat Membru ieħor huwa diġà, minnu nnifsu, ta' natura li jqajjem mistoqsijiet fir-rigward tal-motivazzjonijiet reali tagħha.

153. Fil-fatt, nosserva li l-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2)(a) ta' dan ir-regolament jimplika żewġ inkonvenjenzi maġġuri għal tali kumpannija. Minn naħa, fuq livell proċedurali, l-Artikolu 12a(1a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 574/72 ma jippermettilhiex li titlob, lill-istituzzjoni kompetenti tal-Istat Membru tas-sede tagħha, il-ħruġ ta' ċertifikati E 101 għall-ekwipaġġ tal-ajru tagħha (peress li tali ċertifikat irid bilfors jintalab mill-ħaddiem stess) filwaqt li, skont l-Artikolu 11(1) ta' dan ir-regolament, dan tista' tagħmlu f'każ ta' kollokament. Min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' frodi, l-Artikolu 14(2)(a)(i) tar-Regolament Nru 1408/71 jipprovdi, bħala eċċezzjoni, l-applikazzjoni tal-liġi tal-fergħa jew tar-rappreżentanza permanenti li timpjega lill-ħaddiema kkonċernati, fil-każijiet fejn ir-regoli tal-kollokament jippermettu li tiġi evitata l-applikazzjoni ta' din l-eċċezzjoni u li tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-liġi tal-Istat Membru tas-sede.

98 Ara s-sentenza Altun, punt 53.

99 Ara, b'analoġija, il-premessa 11 tad-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Lulju 2017, dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU 2017, L 198, p. 29).

154. *Fit-tieni lok*, il-qrati tar-rinviju indikaw, kif ingħad fil-punti 20 u 24 ta' dawn il-konklużjonijiet, li Vueling kienet iddomiċiljat numru kbir ta' ħaddiema "kkollokati" fl-indirizz tas-sede tagħha stess fi Spanja filwaqt li fir-realtà huma kienu jirrisjedu fi Franza, u kienu barra minn hekk Franċiżi, filwaqt li, apparti dan, nofshom ma kinux jaħdmu abitwalment għal din il-kumpannija tal-ajru u kienu ġew irreklutati inqas minn tletin jum qabel il-kollokament tagħhom, ċerti minnhom lejlet jew fl-istess jum. Dawn iċ-ċirkustanzi jqajmu wkoll xi mistoqsijiet.

155. Fil-fatt, anki jekk wieħed jippreżumi li kumpannija tal-ajru li twettaq trasport internazzjonali temmen, b'mod żbaljat, li r-regoli dwar il-kollokament tal-ħaddiema jistgħu jiġu applikati għall-ekwipaġġ tal-ajru tagħha [100], il-fatt li ma tiżvelax lill-istituzzjoni emittenti l-post tar-residenza reali tal-ħaddiema kkonċernati jista' jikkontribwixxi biex tinħeba l-evażjoni ta' dawn ir-regoli.

156. F'dan ir-rigward, nirrileva li, ċertament, l-Artikolu 14(1)(a) tar-Regolament Nru 1408/71 ma jipprekludix lil impriża milli tikkolloka ħaddiema fl-Istat Membru li fih huma joqogħdu. Din id-dispożizzjoni lanqas ma tipprekludi li dawn il-ħaddiema jkollhom in-nazzjonalità tal-Istat Membru li fih huma jintbagħtu. Barra minn hekk, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-sempliċi fatt li ħaddiem ġie rreklutat biex jiġi kkollokat ma huwiex, minnu nnifsu, ta' ostakolu biex huwa jaqa' taħt ir-regoli ta' kollokament [101].

157. Madankollu, jidhirli li, f'każ ta' kumulu ta' dawn iċ-ċirkustanzi – ir-reklutaġġ ta' ħaddiema li għandhom in-nazzjonalità ta' Stat Membru, li jirrisjedu f'dan l-Istat, bil-għan li jiġu impjegati fl-imsemmi Stat – il-figura tal-kollokament hija artifiċjali [102]. F'dan ir-rigward, infakkar li l-Artikolu 14(1)(a) tar-Regolament Nru 1408/71 għandu essenzjalment bħala għan li jippromwovi l-libertà li jiġu pprovduti servizzi għall-benefiċċju tal-impriżi li jużawh billi jibagħtu ħaddiema fi Stati Membri differenti minn dak li fih huma stabbilixxew ruħhom u, f'dan il-kuntest, li jevitaw il-kumplikazzjonijiet amministrattivi [103]. Ir-regoli tal-kollokament ma jistgħux għaldaqstant japplikaw għal ħaddiema rreklutati direttament fl-Istat li fih huma intiżi li jiġu kkollokati [104].

158. Finalment, huma l-qrati tar-rinviju li għandhom jivverifikaw l-aġir ta' Vueling fil-kawżi prinċipali. F'dan il-kuntest, din il-kumpannija għandu jkollha l-possibbiltà li tiċħad l-elementi diskussi f'dawn il-konklużjonijiet, b'osservanza tal-garanziji marbuta mad-dritt għal smigħ xieraq. Din għandha b'mod partikolari tkun tista' tispjega ruħha fuq id-dikjarazzjonijiet ta' residenza żbaljati li hija pprovdiet lill-awtoritajiet Spanjoli.

100 Fuq din il-kwistjoni, ara l-punti 127 sa 132 ta' dawn il-konklużjonijiet.

101 Ara, b'analoġija, is-sentenzi tas-17 ta' Diċembru 1970, Manpower (35/70, EU:C:1970:120, punt 14), u tal-25 ta' Ottubru 2018, Walltopia (C-451/17, EU:C:2018:861, punti 34 u 35).

102 Iċ-ċirkustanzi inkwistjoni fil-kawża prinċipali jistgħu għaldaqstant joqogħdu fuq il-fruntiera bejn il-frodi u l-abbuż tad-dritt. Fil-prinċipju, dawn il-kunċetti huma distinti. Fil-fatt, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-prova ta' tali abbuż teħtieġ, minn naħa, grupp ta' ċirkustanzi oġġettivi li minnhom jirriżulta li, minkejja l-osservanza formali tal-kundizzjonijiet previsti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, l-għan li għandu jintlaħaq minn din il-leġiżlazzjoni ma ġiex milħuq u, min-naħa l-oħra, element suġġettiv li jikkonsisti fil-volontà li jinkiseb vantaġġ li jirriżulta mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni billi jinħolqu artifiċjalment il-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex jintlaħaq (ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Altun *et* (C-359/16, EU:C:2017:850, nota ta' qiegħ il-paġna 45)). Madankollu, mhux dejjem ikun possibbli li ssir distinzjoni netta.

103 Ara s-sentenzi tal-10 ta' Frar 2000, FTS (C-202/97, EU:C:2000:75, punt 28), kif ukoll tal-4 ta' Ottubru 2012, Format Urządzenia i Montaże Przemysłowe (C-115/11, EU:C:2012:606, punti 30 u 31).

104 Ara l-premessa 13 tad-Deċiżjoni Nru 181 tal-Kummissjoni Amministrattiva, tat-13 ta' Diċembru 2000, dwar l-interpretazzjoni tal-Artikoli 14(1), 14a(1) u 14b(1) u (2) tar-Regolament Nru 1408/71 (ĠU 2001, L 329, p. 73), kif ukoll Steinmeyer, H. D., "Title II – Determination of the legislation applicable", f'Fuchs, M. u Cornelissen, R., *EU Social Security Law – A Commentary on EU Regulations 883/2004 and 987/2009*, Nomos, 2015, p. 167.

### *D. Fuq l-awtorità ta' res judicata tal-kriminal fuq iċ-ċivil*

159. Permezz tat-tieni domanda tagħha fil-Kawża C-37/18, il-Cour de cassation, chambre sociale (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Awla industrijali), tistaqsi, essenzjalment, jekk il-prinċipju tas-supremazija tad-dritt tal-Unjoni jippreklidix lil qorti nazzjonali, marbuta fl-applikazzjoni tad-dritt intern tagħha mill-prinċipju tal-awtorità ta' *res judicata* tal-kriminal fuq iċ-ċivil, milli tislet il-konsegwenzi ta' deċiżjoni kriminali inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni billi tikkundanna lil persuna li timpjega għad-danni fil-konfront ta' ħaddiem minħabba s-sempliċi fatt tal-kundanna kriminali ta' persuna li timpjega għall-istess fatti.

160. Il-prinċipju tal-awtorità ta' *res judicata* tal-kriminal fuq iċ-ċivil huwa, fl-ordinament ġuridiku Franċiż, prinċipju stabbilit mill-qrati u s-suġġett ta' ġurisprudenza stabbilita tal-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) li skontha d-deċiżjonijiet tal-qrati kriminali għandhom fuq iċ-ċivil l-awtorità ta' *res judicata* fil-konfront ta' kulħadd. Din l-awtorità ma hijiex limitata għall-parti *dispożittiva* ta' deċiżjoni kriminali, jiġifieri għad-dikjarazzjoni ta' ħtija jew ta' innoċenza tal-akkużat u għall-kundanna tiegħu għal piena partikolari jew il-liberazzjoni tiegħu. Hija testendi wkoll għall-*motivi* ta' dik id-deċiżjoni [105]. Konsegwentement, il-qorti ċivili, li tiddeċiedi fuq l-istess fatti bħall-qorti kriminali, hija pprojbita milli tikkontesta mhux biss il-*kundanna jew il-liberazzjoni kriminali tal-akkużat bħala tali*, imma wkoll il-*konstatazzjonijiet ta' fatt* u l-*klassifikazzjonijiet legali* adottati mill-qorti kriminali. Dawn l-elementi jibbenefikaw minn preżunzjoni inkonfutabbli ta' verità u ma jistgħux, għaldaqstant, jiġu iktar diskussi quddiem il-qorti ċivili [106].

161. Il-cour d'appel de Paris (il-Qorti tal-Appell ta' Pariġi), fis-sentenza tagħha tal-4 ta' Marzu 2016, ibbażat ruħha għaldaqstant fuq il-*klassifikazzjoni ta' xogħol mhux iddikjarat*, adottata fis-sentenza li hija kienet tat fil-kriminal fil-31 ta' Jannar 2012 kontra Vueling, biex tikkundanna lil din il-kumpannija biex tikkumpensa lil J. Poignant [107]. F'każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi (b'kuntrast ma' dak li nissuġġerixxi jien) li l-qorti tal-Istat Membru ospitanti ma tistax tinjora ċertifikat E 101 fiċ-ċirkustanzi bħalma huma dawk fil-kawża prinċipali, din il-klassifikazzjoni tkun inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni [108]. Għaldaqstant, imbagħad iqum il-punt dwar jekk din l-aħħar sentenza setgħatx validament ikollha, fuq iċ-ċivil, l-awtorità ta' *res judicata* fir-rigward tal-klassifikazzjoni tar-reat li bih kienet akkużata Vueling.

162. L-ewwel nett, nippreċiża li, fil-fehma tiegħi, il-prinċipju tas-supremazija tad-dritt tal-Unjoni ma joffrix, waħdu, it-test xieraq biex tiġi solvuta din il-kwistjoni. Fil-fatt, ma hijiex kwistjoni li l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1408/71 tingħata preċedenza fuq il-prinċipju tal-awtorità ta' *res judicata* kif mifhum fid-dritt Franċiż. Ma naħsibx lanqas li l-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri u, f'dan il-kuntest, it-testi ta' ekwivalenza u ta' effettività, invokati mill-Gvern Franċiż, huma rilevanti. Fil-fatt, il-punt dwar x'jista' jingħata l-awtorità ta' *res judicata* ma jikkostitwixxix punt ta' natura proċedurali, imma punt sostantiv.

163. F'dan il-kuntest, nosserva li, *minn naħa*, il-prinċipju tal-awtorità ta' *res judicata* tal-kriminal fuq iċ-ċivil jista' jkun ta' ostakolu għall-effettività tad-dritt tal-Unjoni. F'każ li deċiżjoni kriminali tkun kontra dan id-dritt, hija jkollha xorta waħda tiġi applikata mill-qorti ċivili. *Min-naħa l-oħra*, il-prinċipju tal-awtorità ta' *res judicata* tal-kriminal fuq iċ-ċivil jirrifletti, kif jindikaw J. Poignant u

105 B'mod iktar preċiż, l-awtorità ta' *res judicata* tibbenefika minn dak kollu li ġie definittivament, neċessarjament u ċertament deċiż mill-qorti kriminali, fir-rigward tal-eżistenza tal-fatt li jifforma l-bażi komuni għall-azzjoni ċivili u l-azzjoni kriminali, il-klassifikazzjoni tagħha kif ukoll il-ħtija ta' dak li lilu jiġi imputat dak il-fatt.

106 Ara Cour de cassation, chambre civile, 7 ta' Marzu 1855, *Quertier*, Bull. civ. Nru 31; Cour de cassation, 1ère chambre civile, 24 ta' Ottubru 2012, Nru 11-20.442, u Cour de cassation, chambre sociale, 18 ta' Frar 2016, Nru 14-23.468. Dan il-prinċipju għandu jixxebbah ma' dak li jipprovdi li "l-proċeduri kriminali jissospendu l-proċeduri ċivili", li jobbliga lill-qorti ċivili, meta jkunu nbdew proċeduri ċivili u kriminali għall-istess fatti, li tissospendi l-proċeduri sakemm ikun hemm deċiżjoni finali fil-kriminal. Ara, għal applikazzjoni ta' dan l-aħħar prinċipju fil-kawżi prinċipali, il-punt 33 ta' dawn il-konklużjonijiet.

107 Ara l-punti 24 u 40 ta' dawn il-konklużjonijiet.

108 Ara l-ispjegazzjonijiet li jinsabu fil-punt 50 ta' dawn il-konklużjonijiet.

l-Gvern Franċiż, għan leġittimu ta' ċertezza legali, li jikkonsisti li jiġu evitati kuntradizzjonijiet bejn deċiżjonijiet kriminali u deċiżjonijiet ċivili li jirrigwardaw l-istess fatti. Minn dan jirriżultaw, b'mod impliċitu, kunsiderazzjonijiet ta' politika ġudizzjarja li tirrigwarda r-rwol partikolari mogħti lill-qrati kriminali [109]. Għaldaqstant, fil-fehma tiegħi, jeħtieġ li wieħed jipproċedi billi tiġi bbilanċjata l-effettività tad-dritt tal-Unjoni ma' dan l-għan leġittimu [110].

164. Fir-rigward ta' dan l-ibbilanċjar, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat ukoll diversi drabi l-importanza li għandu, kemm fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni kif ukoll fl-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali, il-prinċipju tal-awtorità ta' *res judicata*. Fil-fatt, bil-għan li jiġu ggarantiti kemm l-istabbiltà tad-dritt u r-relazzjonijiet ġuridiċi kif ukoll l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, huwa essenzjali li d-deċiżjonijiet ġudizzjarji li jkunu saru *res judicata* wara li jkunu ntużaw il-mezzi kollha disponibbli għal appell jew wara li jkun skada t-terminu previst għal dan l-appell ma jkunux jistgħu jiġu iktar ikkontestati. Għaldaqstant, id-dritt tal-Unjoni ma jimponix fuq il-qorti nazzjonali, fil-prinċipju, li tinjora l-applikazzjoni ta' regoli proċedurali interni li jagħtu l-awtorità ta' *res judicata* lil deċiżjoni ġudizzjarja, anki jekk, li kieku jsir hekk, dan jippermetti li tiġi rrimedjata sitwazzjoni nazzjonali li tkun inkompatibbli ma' dan id-dritt [111].

165. Madankollu, kif argumentat il-Kummissjoni, għalkemm id-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix li l-kundanna jew il-liberazzjoni mogħtija minn deċiżjoni kriminali (fi kliem ieħor, il-parti *dispożittiva* ta' dik id-deċiżjoni) tingħata l-awtorità ta' *res judicata* u lanqas ma tista' tkun ikkontestata, minkejja li hija tkun tmur kontra d-dritt tal-Unjoni [112], jekk din l-awtorità tiġi estiża għall-*kwalifiki adottati mill-qorti kriminali* meta l-inkompatibbiltà tagħhom mad-dritt tal-Unjoni tkun ipprovata quddiem il-qorti ċivili, dan iwassal għal preġudizzju wisq kbir għall-effettività ta' dan id-dritt. L-individwu kkonċernat ikollu, fil-kuntest tat-*tieni deċiżjoni*, id-drittijiet li huwa jislet mill-effett dirett tad-dritt tal-Unjoni miksura mill-ġdid. Id-dritt tal-Unjoni jipprekludi għaldaqstant, fil-fehma tiegħi, tali regola interna dwar l-awtorità ta' *res judicata* [113].

166. B'kuntrast ma' dak li jargumenta l-Gvern Franċiż, din l-interpretazzjoni ma hijiex ikkontestata mis-sentenza Di Puma u Zecca [114]. Infakkar li, f'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-obbligu impost fuq l-Istati Membri, li jirriżulta mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, li jipprevedu sanzjonijiet amministrattivi effettivi, proporzjonati u dissważivi fir-rigward ta' insider dealing ma jipprekludix regola nazzjonali li tipprovdi li l-konstatazzjonijiet fattwali magħmula f'deċiżjoni kriminali fir-rigward tad-determinazzjoni tal-elementi kostituttivi ta' tranżazzjoni simili jibbenefikaw mill-awtorità ta' *res judicata*, bil-konsegwenza li, f'każ li l-akkużat jiġi lliberat mill-qorti kriminali, proċedura ta' sanzjoni amministrattiva pekunjarja li tirrigwarda l-istess fatti għandha tingħalaq mingħajr kundanna.

167. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja llimitat ruħha biex tiddeċiedi li l-awtorità ta' *res judicata* tal-kriminal fuq l-amministrattiv ma kinitx tipprekludi li l-ksur f'dak il-qasam ikun jista' jiġi kkonstatat u ssanzjonat b'mod effettiv sa fejn il-konstatazzjonijiet fattwali li kellhom dik l-awtorità wasslu għal dibattitu kontradittorju quddiem il-qorti kriminali u li l-awtorità nazzjonali responsabbli li timponi dawn is-sanzjonijiet amministrattivi jkollha l-mezzi biex tiżgura li sentenza kriminali ta' kundanna jew

109 Il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) iġġustifikat għaldaqstant din l-awtorità bil-fatt li "l-ordni soċjali jiġi li jsofri antagoniżmu li, minħabba biss interess privat, ikollu bħala riżultat li titnaqqas il-fiduċja dovuta lis-sentenzi tal-qrati kriminali, u li terġa' tiġi diskussa l-innoċenza tal-persuna kkundannata li hija kienet qieset ħatja, jew ir-responsabbiltà tal-arrestat li hija kienet iddikjarat li ma huwiex l-awtur tal-fatt imputat lilu". Cour de cassation, chambre civile, 7 ta' Marzu 1855, *Quertier*, Bull. civ. Nru 31.

110 Ara, f'dan is-sens, Kornezov, A., "Res Judicata of national judgments incompatible with EU law: time for a major rethink?", *Common Market Law Review*, Nru 51, 2014, pp. 809 *et seq*.

111 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Ottubru 2018, XC *et* (C-234/17, EU:C:2018:853, punti 52 u 53 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

112 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Ottubru 2018, XC *et* (C-234/17, EU:C:2018:853, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).

113 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Settembru 2009, Fallimento Olimpiclub (C-2/08, EU:C:2009:506, punti 29 sa 31). Mill-bqija, din it-tifsira tal-awtorità ta' *res judicata* ma hijiex komunement aċċettata fl-Istati Membri. Il-prinċipju tal-awtorità ta' *res judicata* tal-kriminal fuq iċ-ċivil ġie abbandunat fil-Ġermanja u fi Spanja u ma huwiex irrikonoxxut fil-pajjiżi tal-Common law. Fl-aħħar nett, fil-Pajjiżi l-Baxxi u fil-Portugall, il-liġi tipprovdi li l-elementi kkonstatati mill-qorti kriminali għandhom biss valur ta' preżunzjonijiet konfutabbli (ara Pradel, J., *Droit pénal comparé*, Précis Dalloz, Edizzjoni 4, 2016, pp. 564 sa 567).

114 Sentenza tal-20 ta' Marzu 2018 (C-596/16 u C-597/16, EU:C:2018:192, punti 25, 28, 29 u 32 sa 34).

ta' liberazzjoni tingħata filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni l-provi kollha li hija jkollha quddiemha[115]. Għaldaqstant, hija ma ppronunzjatx ruħha fuq l-ipoteżi fejn il-qorti kriminali tkun adottat klassifikazzjonijiet inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni – billi tadotta, pereżempju, interpretazzjoni tal-kunċett ta' insider dealing li jmur kontra dak id-dritt.

168. Meħud kont tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi għat-tieni domanda tal-Cour de cassation, chambre sociale (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Awla Industrijali), fil-Kawża C-37/18 li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi li qorti nazzjonali, marbuta bl-applikazzjoni tad-dritt nazzjonali tagħha bl-awtorità ta' *res judicata* tal-kriminal fuq iċ-ċivil, milli tislet il-konsegwenzi minn deċiżjoni kriminali li hija inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni u tikkundanna lil persuna li timpjega għad-danni fil-konfront ta' ħaddiem minħabba s-sempliċi fatt tal-kundanna kriminali ta' dak li jħaddem minħabba l-istess fatti.

## VI. Konklużjoni

169. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi kif ġej għad-domandi preliminari tat-tribunal de grande instance de Bobigny (il-Qorti Reġjonali ta' Bobigny, Franza) fil-Kawża C-370/17 u tal-Cour de cassation, chambre sociale (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Awla Industrijali, Franza), fil-Kawża C-37/18:

1) L-Artikolu 14(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 tal-14 ta' Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni ta' skemi tas-sigurtà soċjali għal persuni impjegati, għal persuni li jaħdmu għal rashom u għall-familji tagħhom li jispustaw ruħhom fil-Komunità, fil-verżjoni emendata u aġġornata permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 118/97, tat-2 ta' Diċembru 1996, kif emendata permezz tar-Regolament (KE) Nru 1992/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006, u l-Artikolu 11(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 574/72 tal-21 ta' Marzu 1972 li jistipula l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 fil-verżjoni emendata u aġġornata permezz tar-Regolament Nru 118/97, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-qorti tal-Istat Membru ospitanti għandha l-kompetenza li tinjora ċertifikat E 101 meta hija jkollha quddiemha provi li juru li dak iċ-ċertifikat inkiseb jew ġie invokat b'mod frawdolenti. L-iżvolġiment tad-djalogu bejn l-istituzzjonijiet kompetenti, previst fl-Artikolu 84a(3) tar-Regolament Nru 1408/71, kif emendat bir-Regolament Nru 1992/2006, ma jaffettwax din il-kompetenza.

2) Id-dritt tal-Unjoni jipprekludi li qorti nazzjonali, marbuta b'applikazzjoni tad-dritt nazzjonali tagħha bl-awtorità ta' *res judicata* tal-kriminal fuq iċ-ċivil, milli tislet il-konsegwenzi ta' deċiżjoni kriminali li hija inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni u tikkundanna lil persuna li timpjega għad-danni fil-konfront ta' ħaddiem minħabba s-sempliċi fatt tal-kundanna kriminali ta' dak li jħaddem minħabba l-istess fatti.

115 Ara s-sentenza tal-20 ta' Marzu 2018, Di Puma u Zecca (C-596/16 u C-597/16, EU:C:2018:192, punti 32 sa 34).